## Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
### Ġurisdizzjoni Superjuri
### Sezzjoni Ġenerali

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana**
**LL.D, LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, 30 ta' Settembru, 2022**

**Rikors Ġuramentat numru:- 74/2015 BS**

**Joseph Grech u Saviour *sive* Sunny Cassar bħala mandatarju tal-imsiefra Nikolina *sive* Lina Borg**

**-vs-**

**Rita mart Michael Calleja u Mary *sive* Miriam armla ta' Joseph Borg**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi[1] li ppremettew:**

1. Illi omm il-kontendenti Pawla Grech, mart Saverio, bint il-mejtin Nikola Formosa u Michelina nee' Stellini, imwielda u ga residenti Kercem mietet fil-Pieta', Malta fl-erbgha (4) ta' Frar elfejn u tlieta (2003);

[1] A fol 1 sa 12.

2. Illi hija rregolat is-successjoni taghha bis-sahha ta' testment redatt fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani fid-dsatax (19) ta' Awwissu elf disa' mija wiehed u disghin (1991), liema testment kien gie rregistrat fir-Registru Pubbliku ghal-Ghawdex bir-riferenza elf mitejn u wiehed u ghoxrin tal-istess sena (GI 1221/1991) u fejn hija halliet lill-kontendenti bhala eredi universali taghha;

3. Illi l-esponenti wirtu minghand ommhom *inter alia* kwota ta' kwart minn tliet ottavi (1/4 ta' 3/8) kull wiehed mid-dar ta' residenza taghha numru mija u tmienja u tletin (138), Triq Frangisk u Roza Camilleri, qabel Triq San Girgor, Kercem, Ghawdex, flimkien ma' kwart ta' nofs indiviz mill-mobbli kollha ta' go fiha; u kwota simili intirtet mill-konvenuti;

4. Illi d-dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis ta' Pawla Grech giet ippubblikata min-Nutar Joanne Cauchi fit-tnax (12) ta' Ottubru elfejn u tlieta (2003);

5. Illi l-kwota rimanenti minn dan il-fond, ossia hames ottavi (5/8) kienet tispetta lil missier il-kontendenti kollha, Saverio Grech;

6. Illi dan Saverio Grech, armel ta' Pawla Grech, bin il-mejtin Joseph Grech u Maria Antonia nee' Camilleri, ga' imwieled u joqghod Kercem, Ghawdex, karta tal-identita' numru 4432G miet f'Victoria, Ghawdex fis-sebgha (7) ta' Gunju elfejn u tlettax (2013);

7. Illi huwa kien irrediga testment fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tal-istess sena 2013;

8. Illi dan it-testment qieghed jigi impunjat mill-atturi bis-sahha ta' kawza ohra pprezentata kontestwalment ma' din il-kawza;

9. Illi l-imsemmija dar ta' abitazzjoni, flimkien mal-mobbli kollha ta' go fiha, tinsab esklussivament fil-pussess tal-intimati;

10. Illi l-esponenti jhossu li dan il-pussess qieghed jigi ezercitat a skapitu u bi pregudizzju tad-drittijiet taghhom bhala komproprjetarji u jridu li din id-dar titpogga fil-pussess ta' sekwestrarju gudizzjarju li jkun jista jamministra fl-ahjar interess komuni tal-partijiet kollha;

11. Ghidu ghalhekk intom konvenuti/intimati ghaliex ma' ghandiex din il-Qorti:

    1. B'applikazzjoni tal-artikolu 494 tal-Kodici Civili, tahtar amministratur gudizzjajru sabiex jiehu l-pussess tal-mobbli u mmobbli hawn fuq imsemmija u jamministra l-istess fl-ahjar interess komuni tal-komproprjetarji kollha.

    2. Taghti dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa u necessarji lill-istess amministratur dwar kif ghandu jezercita dan il-pussess u jamministra dawn il-beni.

Bl-ispejjez kontra taghkom, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghalija minn issa intom ingunti.

**Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-atturi.**

**Rat ir-risposta tal-konvenuti[2] illi eċċepew:**

1. Illi fl-ewwel lok Saviour sive Sunny Grech[3] irid jipprova l-mandat li huwa ghandu ta' Nikolina sive Lina Borg *stante* li fir-rikors guramentat, minkejja dak li jinghad, ma giet annessa jew ipprezentata l-ebda prokura tal-assenti. Fin-nuqqas li tigi pprezentata tali prokura l-esponenti ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju minhabba n-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-atturi jridu qabel kollox jaghtu prova li l-esponenti nqdew jew qieghdin jinqdew bil-hwejjeg in komun kontra l-interessi tal-komunjoni u kontra l-interessi tal-atturi nnifishom;

---

[2] A fol 19 sa 20.

[3] *Sic* – fir-rikors guramentat dana jidher bhala Savious *sive* Sunny Cassar.

3. Illi l-esponenti ghandhom kull jedd li jgawdu u jinqdew bil-hwejjeg in komun skont il-jeddijiet taghhom. L-atturi jghixu fl-esteru u l-iskop li huma qed jaghmlu din il-kawza huwa biex jipprivaw lill-esponenti milli jgawdu hwejjighom fil-qies tal-jeddijiet taghhom;

4. Illi l-kawza attrici mhix gustifikata u t-talbiet huma ghaldaqstant infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

5. Illi l-esponenti dejjem inqdew bil-hwejjeg in komun fl-interess tal-komunjoni u ghamlu dawk it-tiswijiet u manutenzjoni meta kien hemm bzonn u hallsu l-kontijiet tal-ispejjez u tas-servizzi tal-proprjeta' komuni;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Fliet l-atti fl-intier tagħhom.

Rat ir-rikors tal-konvenuti,[4] li permezz tagħha talbu sabiex din il-kawża tinstema kontestwalment mal-kawza numru 73/2015 (Kawża għall-impunjazzjoni ta' testment magħmul minn missier il-partijiet kontendenti), bejn l-istess partijiet, stante li ż-żewġ kawżi huma intimament konnessi. Rat ukoll li bil-verbal tagħha tat-tlieta (3) ta' Diċembru, 2015,[5] il-Qorti laqgħat din it-talba.

Rat li b'nota tal-atturi ppreżentata *seduta stante*,[6] l-atturi ppreżentaw kopja ta' prokura rilaxxata mill-attriċi Nikolina *sive* Lina Borg a favur Saviour *sive* Sunny Cassar kif ukoll żewġ prokuri oħrajn rilaxxati waħda mill-istess attriċi u oħra mill-attur Joseph Grech a favur l-Avv. Dr. Carmelo Galea.

Rat il-verbal tat-tieni (2) ta' Marzu, 2016[7] fejn il-konvenuti obbligaw ruħhom li jgħaddu kopja taċ-ċavetta tal-fond mertu ta' din l-istanza lill-Avv. Dr. Carmelo Galea f'isem l-atturi.

---

[4] A fol 21.
[5] A fol 23.
[6] A fol 28 sa 34.
[7] A fol 36.

Rat il-verbal tagħha tal-għaxra (10) ta' Mejju, 2017[8] li bih il-Qorti laqgħat talba tal-atturi sabiex il-kumplament tal-provi jinġabru minn Assistant Ġudizzjarju.

Rat il-verbal tal-Assistent Ġudizzjarju datat id-disgħa u għoxrin (29) ta' Lulju, 2020[9] fejn l-avukati patroċinanti l-partijiet kontendenti talbu sabiex il-verbal tal-istess data u x-xhieda mogħtija fil-kawża numru 73/2015 fl-istess ismijiet ikunu jgħoddu għal din il-kawża.

Rat il-verbal tal-Assistent Ġudizzjarju datat l-ewwel (1) ta' Ottubru, 2020[10] fejn l-avukati patroċinanti tal-partijiet kontendenti talbu sabiex il-verbal tal-istess data u x-xhieda mogħtija fil-kawża numru 73/2015 fl-istess ismijiet ikunu jgħoddu għal din il-kawża.

Rat il-verbal ta' l-erbatax (14) ta' April, 2021[11] fejn irrevokat l-inkarigu tal-Assistent Ġudizzjarju u ordnat sabiex ix-xhieda rimanenti jinstemgħu quddiemha.

Rat illi minkejja li fl-atti ta' dawn il-proċeduri hemm it-traskrizzjoni tax-xhieda in kontro-eżami tal-attriċi Nikolina *sive* Lina Borg, it-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha fuq liema huwa msejjes l-istess kontro-eżami ma' ġietx provduta fl-atti ta' dawn il-proċeduri u anqas ma sar verbal quddiem l-Assistent Ġudizzjarju għal dan il-għan. Il-Qorti sejra, iżda, fuq nuqqas ta' dikjarazzjoni kontra dan mill-partijiet kontendenti, tqies l-istess xhieda tal-attriċi Nikolina *sive* Lina Borg applikabbli wkoll għal din l-istanza.

Rat il-verbal tas-sbatax (17) ta' Frar, 2022[12] fejn l-avukati patroċinanti l-partijiet kontendenti ddikjaraw magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u kontro eżamijiet u li l-kawza tista' titħalla għas-sentenza u li l-Qorti, għalhekk, iddifferiet il-kawża għal-llum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inkluż id-dokumenti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

---

[8] A fol 60.
[9] A fol 499.
[10] A fol 505.
[11] A fol ---
[12] A fol ---

**B. Provi:**

Semghat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, skond il-każ, ta':

**Guza Spiteri,** ġara ta' Pawla u Saviour Grech, xehdet nhar it-tmienja (8) ta' Novembru, 2016.[13] Tgħid li lil Pawla u Saviour tafhom għax kienu ġirien u ħbieb. Tgħid li fl-aħħar ta' ħajjithom Pawla ħassha ħażin, ittieħdet l-isptar u mietet, u Saviour daħal l-isptar għax ma' kienx jiflaħ, taħseb li dam rikoverat xi ħmistax (15)-il jum, imbagħad miet. Tikkonferma li Pawla mietet qabel Saviour. Tgħid li kemm dam waħdu Saviour ġieli marret taraħ. Tgħid li Saviour kien moħħu hemm u dejjem kellu d-dar nadifa d-dar. Tgħid li uliedu Rita u Miriam kienu jagħmlulu l-faċendi. Tgħid li uliedu l-oħra msiefrin.

**Xehedet ulterjorment** nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru, 2020.[14] Tgħid li kienet toqgħod kważi faċċata ta' Saviour, li hija għandha 'il-fuq minn sebgħin (70) sena u ilha tafu minn dejjem. Tgħid li Saviour kellu erba' t'itfal; Rita, Miriam, Joseph u Lina , b'Joseph u Lina qegħdin l-Awstralja. Tgħid li wara mewt martu Pawla, id-dar kienu jieħdu ħsieb inaddfuha uliedu Rita u Miriam u li lilhom biss kienet tara hemm. Tgħid li magħha kien jitkellem fuq uliedu u lil Rita u Miriam kien jirrispetthom kif huma kienu jirrispettaw lilu. Tgħid li lill-uliedu tal-Awstralja ġieli semmihom magħha pero' fuq affarijiet ta' kuljum mhux familjari. Tgħid li l-isptar kienet marret taraħ darbtejn u magħha tkellem tajjeb. Tgħid li l-aħħar li ratu kien l-isptar u ma' kienx jgħewden, kien kellimha sew, kien jaf x'inhu jgħid u x'qed jagħmel.

**In kontro-eżami,**[15] tgħid li l-attur Joseph Grech kien joqgħod ma' missieru meta kien jiġi mill-Awstralja. Tgħid li fit-triq kienet tarhom jitħaddtu sew lil Joseph u lill-missieru imma fid-dar ma' tafx. Tgħid li Saviour qatt ma' qalilha xejn rigward Joseph. Tinsisti li l-isptar Saviour kien kellimha sew,

---

[13] A fol 42 sa 44.

[14] Traskrizzjoni a fol 178 sa 186 tal-process numru 73/2015 – xhieda reza applikabbli ghal din l-istanza permezz ta' verbal quddiem l-assistent gudizzjarju.

[15] A fol 186 sa 190 tal-process 73/2015.

għarafha u saqsiha kif inhi. Tgħid li meta ratu l-isptar kien hemm Rita u taħseb li kien hemm anke żewġha Michael fejnu.

**Dr. Julian Portelli,** tabib mediku, xehed nhar il-ħmistax (15) ta' Marzu, 2017.[16] Xehed dwar Saviour u qal li ġie nvistat fl-1995 minħabba qtugħ ta' nifs mal-mixi. Jgħid li rriżulta li dan kien minħabba snin ta' tipjip. Jgħid li sarulu *lung function test* u x-ray ta' sidru minn fejn irriżultaw problemi fil-pulmun. Jgħid li kull sena mill-2003 il-quddiem kien jidħol l-isptar minħabba qtugħ ta' nifs. Iżid li l-aħħar li daħal l-isptar kien fl-2013. Jgħid li Saviour kien ibati wkoll bil-qalb u pressjoni. Jgħid li fil-ħamsa (5) ta' Ġunju, 2013, waqt li kien l-isptar, lil Saviour kien rah ukoll psikjatra, Dr. John Borg li sabu anzjuż. Iżid li l-psikjatra indika li l-ansjeta kienet minħabba xi problemi li kien hemm id-dar. Jgħid li Saviour miet l-isptar fis-sebgħa (7) ta' Ġunju, 2013.

**In kontro-eżami fl-istess data**,[17] jgħid li ħlief għan-nota tal-2013, ma jirriżulta minn imkien li Saviour kien ibgħati minn xi problemi psikjatriċi. Iżid li Saviour ma' kellux problemi mentali iżda ansjeta minħabba liema ansjeta seta' kien ukoll xi ftit dipressat.

**In ri-eżami fl-istess data**,[18] jgħid li Saviour kien joqgħod 138, Madonnina, Triq Frangisk u Roza Camilleri, Kerċem u mill-isptar ma' xtaqx imur id-dar minħabba xi problemi li kellu d-dar. Jaqra nota li tgħid *"patient does not want to go home due to presence of trouble at home. Problematic son to go back to Australia"*. Eżebixxa wkoll sensiela ta' dokumenti mil-file mediku ta' Saviour.[19]

**Joseph Grech,** wieħed mill-atturi, xehed permezz ta' affidavit[20] fejn iddikjara li huwa emigra lejn l-Awstralja fl-1981 iżda baqa' jiġi jżur lill-ġenituri tiegħu kull sentejn jew tlieta. Jgħid li meta mietet ommu, missieru qasam id-deheb tagħha bejn l-erbgħa wliedu ossia, huwa, Lina, Rita u Mary iżda fl-aħħar huwa kien irritorna ċurkett u rriżulta li Rita kienet ħadet l-aktar deheb. Jixhed li Rita kienet tgħajjat ma' missierhom tant li

[16] A fol 50 sa 53.
[17] A fol 53 sa 55.
[18] A fol 55 sa 56.
[19] A fol 57 sa 58.
[20] Ipprezentat b'nota tal-atturi tat-tnejn (2) ta' Marzu, 2016, a fol 21 (in-nota) u a fol 28 sa 32 l-affidavit, fl-atti tar-rikors numru 73/2015.

darba missierhom keċċiha mid-dar. Jgħid li ommu, b'testment li għamlet ma' missieru fl-1991, kienet ħalliet lill-aħwa lkoll bħala eredi universali tagħha. Jgħid li f'Mejju 2013 huwa u martu ġew Għawdex u rrealizzaw kemm saħħet missieru kienet marret lura. Jgħid li Ġuża, il-ġara tiegħu, kienet tixtri lil missieru ħobża kuljum u għalhekk kien iħobbha imma Rita u żewġha Michael ma' kienux jieħdu ġost bil-presenza tagħha. Jgħid li oħt missieru, Katerina, kienet tmur kull filgħodu sabiex tnaddaflu u tara x'hemm bżonn. Jgħid li dan kienet tagħmlu peress li Rita u Mary ma' kienu jagħmlu xejn. Jgħid li ħu missieru, Peppi, wkoll kien imur kważi kuljum u li ħut missieru l-oħrajn, Vince u Emanuel ukoll kienu jmorru. Jgħid li kieku ma kienx għal dawn ħadd ma kien ikun jaf missieru qamx jew le għax Michael, ir-raġel ta' Rita, kien imur hemm biss fis-siegħa ta' wara nofsinhar. Jgħid li meta ġew huwa u martu f'Mejju qadu għand missieru fejn dan kien qallu li lil Rita jagħtiha għaxar Euro kull darba li tieħdu x'imkien. Jgħid li oħtu Miriam kienet tagħmel xhur ma' tmurx taraħ u li jekk kien iċemplilha ma' kienitx tirrispondi. Jgħid li Miriam ikkontrollata minn Rita u tagħmel li tgħid Rita. Jgħid li Michael ta' Rita ma' kellux xi jmur jagħmel jagħti l-mediċina lil missieru għax dan seta' jeħodha waħdu. Jgħid li waqt li kien ma' missieru darba sabu jipprova juża magna għall-ossiġnu li, pero, kellha t-tankijiet vojta. Jgħid li missieru ma' ridtx jiċċaqlaq qabel ikellem lil Rita. Jgħid li Rita u Michael ġew biss meta sebaħ u missieru baqa mingħajr ossiġnu ġurnata sħiħa għaliex iċ-ċilindri nġiebu filgħaxija. Jgħid li kien min dakinhar li saħħet missieru marret lura. Jixhed li jumejn wara missieru ċempel lit-tabib u dan qallu jmur l-isptar iżda Rita ma' riditux imur. Jgħid li lit-tabib kien qallu li xuftejn missieru kienu blu u li dan kien qallu li dak probabbli għax mhux jieħu l-mediċina fil-ħin. Jgħid li min hemm missieru daħal l-isptar u ma' ħariġx ħaj. Jgħid li l-isptar kien ġie xi ftit il-quddiem sakemm kellu xi jgħid ma' Rita għaliex din riditu jmur jgħix magħha u, jumejn wara, saħħtu ddeterjorat u ġie trasferit is-CCU. Jgħid li s-CCU huwa ma kienx jitħalla waħdu ma missieru b'Michael jew Roderick, iben Miriam, li jaħdem l-isptar kienu dlonk jitfaċċaw. Jgħid li meta missieru kien is-CCU huwa kien qal b'dan lill-uliedu Philip, Richard u Rebecca. Jgħid li dawn għaddew it-tislijiet tagħhom lin-nannu tagħhom li pero ma' ftakarx bihom. Jgħid li din kienet indikazzjoni li missieru ma' kienx f'qagħda mentali tajba għaliex qabel ġieli kien li saqsa għan-neputijiet tiegħu. Jgħid li fiż-żmien li kien l-isptar l-aħħar darba missieru kien jidher konfuż għall-aħħar. Jgħid li kien joffrilu l-ilma, dan kien jiffirjuta u ftit minuti wara jirrabja li ħadd ma' offrilu x'jixrob. Jgħid li darba saqsa lil missieru ridtx ikellem lill Nikolina, bintu wkoll u oħt ix-xhud, u dan tah ħarsa mitlufa u

qallu "dik min hi?". Jgħid għalhekk li l-istat mentali ta' missieru kien ħażin. Jgħid li mistoqsi rigward id-dar tiegħu minħabba problema ta' perkolazzjoni ta' ilma li kellu l-ġar missieru ma' kienx jiftakar fejn hi l-kamra tal-banju f'daru. Jgħid li anqas kien baqa' jiftakar li kellu għasfur jew kellux flus id-dar jew kemm kellu flus il-bank minkejja li wara rriżulta li kellu fuq mitt elf Euro (€100,000). Jgħid li anqas kien jiftakar rigward iċ-ċurkett tad-deheb li hu kien għaddielu lura fuq talba tiegħu. Jgħid li missieru kien jinsa wkoll minn jeħodlu l-affarijiet biswit is-sodda tiegħu l-isptar u li filwaqt li huwa kien iżuru l-isptar filgħodu u filgħaxija ħafna drabi, filgħaxija, kien isaqsih għalfejn filgħodu ma' marx. Jgħid li dan kien indikattiv li missieru ma' kienx għadu mija fil-mija mentalment.

Xehed ulterjorment[21] illi x-xhieda ta' Guza Spiteri, il-ġara ta' missieru, mhux korretta għax din kienet tarah kuljum u kienet tixtrilu ħobża kuljum mhux darbtejn jew tlett darbiet fil-ġimgħa kif xehdet. Jgħid li missieru, waqt li huwa kien joqgħod għandu, kien jitlef in-nifs tant li ma jkunx jista jitkellem jew jibda jitkellem qisu wieħed miġnun u dan għax Michael, żewġ Rita, la kien jagħtih il-mediċina fil-ħin u anqas kien irid jgħalmu jeħodha waħdu. Jgħid li l-aħħar li kien l-isptar missieru kien hemm ġimgħa fejn ġie l-quddiem u kien hemm anke pjan li jinħareġ mill-isptar iżda l-*head nurse* tal-isptar qalilhom li mhux ta' waħdu. Jgħid li huwa offra li jħallaslu *nursing home* San Lawrenz imma missieru rrifjuta u ried imur id-dar imma ma riedx joqgħod ma Rita. Jgħid li ma' Miriam kien joqgħod. Jgħid li Rita ġġieldet ma' missierhom il-ġimgħa filgħaxija għax insistiet li jmur joqgħod għandha u hu ma riedx. Jgħid li bl-inkwiet ta' hekk miet missierhom. Jgħid li fit-23 ta' Mejju, fejn it-tobba qalu li kien hemm il-problemi fil-familja dawn kienu għax kien jaqbeż għal missieru għax kien jaf li Rita mhix tieħu ħsiebu. Jgħid li Miriam, mil-Milied sa' meta daħal l-isptar lil missierhom qatt ma' ratu, reġgħet ratu biss wara li ddaħħal l-isptar l-aħħar darba. Jgħid li Rita, fil-ġimgħatejn li għamel għand missieru qabel iddaħħal l-isptar qatt ma' ra, għajr darba mat-tabib meta ma' ħallietx lil missierhom imur l-isptar. Jgħid li ra lil Kappillan ta' Kercem ħiereġ minn fejn missieru, kien għamillu l-Griżma, u għalhekk ġedded iż-żmien tiegħu f'Għawdex u ċempel lit-tfal l-Awstralja sabiex jgħidilhom b'dan. Jgħid li hawn kien meta uliedu sellew għal-nannuhom li ma ftakarhomx. Jgħid li rigward dak li qal il-psikjatra li missieru kien *depressed* minħabba li t-tfal kienu qed jargumentaw fuq l-eredita' huwa lanqas biss kien jaf li nbidel it-testment f'dak l-istadju. Jgħid li miegħu

[21] A fol 64 sa 71.

missieru żġur ma' kellux problemi rigward eredita għax anqas biss kien jaf x'qed jiġri u għalhekk, jekk kien hemm il-problemi dawn kienu ma' Rita u Miriam jew Rita biss. Jgħid ukoll li tant dan minnu li fil-Milied ta' wara li naqas missieru huwa bagħat kartolina tal-Milied lil oħtu Miriam u din irreċiprokat u qatt ma ssemmew problemi tal-eredita. Jgħid li huwa qabbad avukat biss meta n-Nutar kellmitu u qaltlu li messewħ għaxar t'elef Euro (€ 10,000) u ħass li dan ma' kiex jagħmel sens meta kien jaf bil-mitt elef Euro (€ 100,000) *fixed term deposit* li kellu missieru apparti sehemu mid-dar ta' missieru.

**In kontro-eżami**,[22] jgħid li lil missieru meta ma' kienx ikun hawn hu mill-Awstralja kienu jaqduħ il-barranin, bħal ġara tiegħu Guza Spiteri li tixtrilu l-ħobża ta' kuljum, u oħtu Katerina Grech li tnaddaflu u taħsillu ħwejġu mhux uliedu Rita u Miriam li kienu Għawdex. Moqri dak li xehdet Guza Spiteri li ulied Saviour, Rita u Miriam, kienu jieħdu ħsiebu jgħid li għal xi raġuni ma' qalitx il-verita. Jgħid li fuq Miriam kien missieru li qallu li ma' tweġiblux it-telephone imma huwa ma' kienx hawn sabiex jara dan. Mistoqsi rigward dak li qal missieru meta qal li ma jridtx imur id-dar għax kien hemm persuna problematika d-dar li ried li tmur lura l-Awstralja jgħid li għalih kien qiegħed jgħid imma għax huwa kien jaqbeż għal missieru u jeħodha kontra Rita jew Michael għax ma' kienux iduru bih sewwa. Jgħid li dan ma kellu x'jaqsam xejn ma' eredita. Muri ritratt ta' ktieba li tħalliet mal-ħajt fil-kamra tas-sodda fid-dar ta' missieru[23] kkonferma li din kien kitibha huwa sabiex juri li kien jaf bil-mitt elef Euro (€ 100,000) li kellu missieru u li missieru ma ridtx imur joqgħod ma Rita. Rigward il-parti tal-ktieba fejn qal li missieru waqaf jiekol irrisponda li missieru kien jiekol sa qabel ma daħal is-CCU bis-saħna li tatu Rita meta ma riedx imur jgħix magħha u min dakinhar waqaf jiekol u ma' ħariġtx minn hemm ħaj. Jgħid li t-tobba ma rieduħx jgħix waħdu imma huwa ma riedx imur għand Rita, iżda ried imur għand Miriam. Dan minkejja li t-tobba kitbu li ma riedx imur id-dar minħabba problemi li jinvolvu "son" f'kumment li anke jsemmi "l-Awstralja". Jinsisti li huwa qala problemi biss rigward Rita, mhux eredita. Jgħid li jaħseb li missieru ma' kienx f'sensiħ meta għamel l-aħħar testment għax la kien jiftakar lin-neputijiet tiegħu (ulied ix-xhud) u lanqas kien jiftakar lil bintu Lina meta din batitlu bewsa ma' oħthom Rita. Jgħid li missieru daħal l-isptar fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju u miet fis-sebgħa (7) ta'

[22] A fol 71 sa 100.
[23] Ritratt ezebit a fol 102.

Ġunju u li fil-jiem wara li kien is-CCU żgur li ma' kienx jaf x'inhu jagħmel. Mistoqsi jekk meta missieru kien jitlef in-nifs filgħodu dan kienx minħabba li huwa kien jagħmillu ansjeta kbira, u mhux minħabba dewmien fl-għotja lilu tal-mediċina, jgħid li huwa bilkemm kien ikun id-dar aħseb u ara kemm kien jagħmillu ansjeta. Jinsisti li t-tabib qallu li dan kien għax missieru ma kienx qed jiġi mogħti l-mediċina fil-ħin. Jgħid li Rita ħalliet lil missierhom jumejn mingħajr mediċina u ma' riditux imur l-isptar.

**Dr. Mariosa Grech,** Nutar Pubbliku ta' Malta,[24] esebiet kopja tal-aħħar testment ta' Saviour Grech data t-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju, 2013[25] u xehdet li b'dan it-testment hija kkanċellat kull testment li sar qabel u għamlet ukoll il-*causa mortis* ta' Saviour. Tgħid li lil Saviour tiftakru bħala klijent tagħha. Tgħid li meta kelmitu l-kundizzjoni mentali tiegħu kienet tajba fejn xi żmien qabel ukoll kien għamel xi att pubbliku ieħor. Tgħid li hija toqgħod triq il-bogħod minn fejn kien joqgħod huwa allura kienet tafu wkoll fil-ħajja privata u li huwa kien sewwa. Tgħid li taf li Saviour kellu erbat' itfal; Rita, Miriam, Lina u Joseph. Tgħid li meta għamlu l-aħħar testment huwa qalilha li tnejn minnhom kienu jduru bih u t-tnejn l-oħra kienu msifrien. Tgħid li qatt ma kellimha dwar kif kienet ir-relazzjoni tiegħu mat-tfal iżda meta kellimha fuq l-aħħar testment qalilha li jrid iħalli l-wirt tiegħu lil tnejn minnhom. Tgħid li spjegatlu li ma' setax jagħmel hekk u dwar is-sehem riservat u hemmhekk qalilha li jifhem dan dment li ma jistax jagħmel mod ieħor. Ikkonkludiet allura illi li kieku kien għalih ma' kien iħalli xejn liż-żewġ t'uliedu l-oħra. Tgħid li t-testment sar l-isptar wara li kien ċemplilha xi ħadd u qalilha li Saviour irid jagħmel testment. Tgħid li ċemplilha xi ħadd minn dawk li joqgħodu Għawdex iżda ma' tafx min. Tgħid li ma tafx x'kienet il-kundizzjoni medika tiegħu meta marret taraħ l-isptar iżda kien f'sodda, libes maskla qisha tan-nifs li kien jaqbad b'idu, ineħħiha, u jkellimha ċar u sew, u jerġa jpoġġiha. Tgħid li biex iffirma kien ċar u sewwa u li kieku ma' kienx hekk hija ma' kienitx tagħmel t-testment. Tgħid ukoll li kien hemm iċ-ċertifikat tal-psikjatra. Tinsisti li mentalment kien sew, kien jaf x'qiegħed jgħidilha, u kieku ma' kienx hekk hija ma' kienitx tagħmel it-testment. Rigward iċ-ċertifikat tal-psikjatra tgħid li hija tesiġi li dan isir fl-istess ġurnata li tkun ser tmur hija tagħmel l-att pubbliku.

---

[24] A fol 124 sa 132.
[25] A fol 133 sa 136.

**Joseph Saliba,** li deher bħala xhud fuq l-aħħar testment ta' Saviour Grech, xehed nhar il-ħdax (11) ta' Jannar, 2019.[26] Jgħid li jiftakar li deher bħala xhud nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju, 2013 fuq it-testment ta' Saviour u li t-testment sar l-isptar ta' Għawdex fejn huwa jaħdem bħala *staff nurse*. Jgħid li Saviour kien taħt il-kura tiegħu u li l-problemi li kellu kienu relatati man-nifs. Jgħid li ma' jiftakarx x'mediċina kien jieħu pero, rigward is-saħħa mentali tiegħu, jgħid li hu dejjem f'sensieħ jiftakru. Jgħid li t-testment inqara quddiemu mill-bidu sal-aħħar u li apparti huwa kien hemm ukoll Joseph Cini bħala xhud.

**In kontro-eżami**,[27] jgħid illi waqt li t-testment kien qiegħed jinqara quddiemu Saviour kien juri li qed jifhem.

**Joseph Cini,** li deher bħala xhud fuq l-aħħar testment ta' Saviour Grech, xehed nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar, 2019.[28] Jgħid illi huwa jaħdem bħala *nursing aide* l-isptar ta' Għawdex. Jgħid li jiftakar li huwa kien xhud fuq it-testment ta' Saviour Grech ta' nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju, 2013. Jgħid li jiftakar lil Saviour bħala pazjent li kien ibati bin-nifs għax kien ikun bil-maskla. Jgħid li huwa mhux tabib iżda *aide* fejn allura x-xogħol tiegħu limitat għal għajnuna bil-ħasil tal-pazjenti, tqassim ta' te' u ikel. Jgħid li jiftakar it-testment ta' Saviour isir u jagħraf il-firma tiegħu fuq il-paġni tal-istess. Jgħid li t-testment inqara quddiemu u li jekk jiftakar sew in-Nutar kienet Mariosa. Jgħid li dakinhar hemmhekk kien hemm hu, in-Nutar, u xhud iehor li kien Joseph Saliba. Jgħid li Saviour kien f'sensih waqt il-qari tat-testment.

**In kontro-eżami**,[29] jgħid li Saviour kien f'sensiħ u kien qed jifhem x'qed tgħid in-Nutar.

**George Grech,** li xehed permezz ta' affidavit[30] fejn iddikjara li huwa jżur Malta kull sentejn jew tlieta u sakemm ħuħ Saviour, missier il-partijiet

[26] A fol 144 sa 147.
[27] A fol 147 sa 148.
[28] A fol 153 sa 165.
[29] A fol 165 sa 168.
[30] Ipprezentat b'nota tal-atturi tat-tnejn (2) ta' Marzu, 2016, a fol 21 (in-nota) u a fol 24 l-affidavit fl-atti tal-process numru 73/2015.

kien ħaj kien iqatta' ħafna ħin miegħu. Jgħid li meta kien ikun Malta hu u ħuħ kienu jiltaqgħu għalmenu darba kuljum. Jgħid li l-aħħar li ra' lil Saviour kien fis-Sajf tal-2012 fejn sabu mdejjaq u rrabjat minħabba bintu Rita li kienet tkun tard sabiex twasslu għall-appuntamenti mediċi u ma' tal-bank. Jgħid li kien joffri li jwasslu hu iżda dan kien jirrifjuta għax kien jibża jaċċetta minħabba Rita. Jixhed li Rita kienet tikkontrollaħ u kienet tinsisti li tieħdu hi. Jixhed li Saviour kien stqarr miegħu li talli twasslu kien iħallasha. Jixhed li lil Rita qatt ma ra' tagħmel faċenda jew issajjar għand Saviour. Jgħid li kienet oħthom Katerina li kienet tmur taħsel l-art għand Saviour u anke teħodlu ħwejġu għall-ħasil. Jixhed li Saviour kien jgħidlu li l-proprjeta' u raba' li kellu rid li tmur għand uliedu kollha f'sehem indaqs bejniethom u li dan kien ħa' ħsieb tiegħu b'testment li ma' kellux intenzjoni jibdel. Jixhed li l-aħħar li ra lil ħuħ kien diġa ra l-effetti tal-eta' fuqu u li dan kien ibgħati bil-qtugħ ta' nifs.

**Xehed ulterjorment**,[31] li huwa ilu msiefer ħamsa u sittin (65) sena iżda jkun Għawdex kull sentejn jew tlieta. Jgħid li kien Għawdex xi seba' (7) xhur qabel miet ħuħ Saviour. Jgħid li fl-aħħar snin minn ulied Saviour tnejn biss kienu Għawdex, Miriam Borg u Rita Calleja, bit-tnejn l-oħra, Lina u Joseph, ilhom l-Awstralja 'l-fuq minn erbgħin (40) sena. Jgħid li Saviour ġieli kellmu fuq wirt bl-aħħar darba kien fl-2012 meta huwa kien Għawdex. Jgħid li Saviour kien qallu li huwa għandu erbat' itfal u l-erbgħa huma xorta. Jgħid li Saviour kien igerger miegħu li mit-tfal ma jsib lil ħadd u mnalla kellu lil oħthom tagħtih daqqa t'id. Mistoqsi fuq li xehdet il-ġara ta' Saviour, Guza Spiteri, li Miriam u Rita kienu jgħinu lil Saviour jgħid li huwa hekk ma jafx għax ma kienx hawn. Mistoqsi jekk Saviour kienx ibati b'xi kundizzjoni tal-moħħ jgħid li ħuħ kien l-iktar li jtik pariri, li ma' kienx ibgħati u li huwa hekk sabu sal-aħħar. Jgħid li ħuħ Saviour kien qallu li Rita kienet tieħdu sal-bank u għand it-tabib. Jgħid li ma jafx jekk oħthom Katerina kienitx tagħmillu kollox lil huh Saviour għax hu ma kienx hawn. Jgħid li dan kien jgħidulu Saviour li kien jgħidlu wkoll li wliedu ma' riedu jagħmlulu xejn.

**In re-eżami**,[32] rigward li ddiskutew it-testmenti jgħid li dak kien fl-2012 u jiftakar għax kien l-aħħar darba li huwa kien Għawdex qabel ma' miet Saviour. Jgħid li r-relazzjoni ta' ħuħ Saviour ma' ibnu Joseph kienet tajba ħafna u jgħid dan għax Joseph kien dejjem jiftaħar b'missieru u Saviour

---

[31] A fol 185 sa 202.
[32] A fol 202 sa 206.

tela' darbtejn jara lil Joseph l-Awstralja fejn anke kien joqghod ma' Joseph apparti għal xi ftit iljieli ma Lina. Jgħid li dan kien xi ħamsa u għoxrin (25) sena qabel. Jgħid ukoll li Saviour kien jiftaħar bl-erba' uliedu u ma' kellux preferenzi bejniethom.

**In kontro-eżami ulterjuri** fl-istess data,[33] jgħid li meta tkellmu fuq it-testmenti forsi Saviour kien qed jgħid għat-testment li kien għamel ma' martu. Jgħid li fl-1991, meta għamel l-ewwel testment ma' martu, Saviour kien għadu jarmi s-saħħa imma mhux l-istess fl-2012, meta raħ l-aħħar, fejn kien għadu kapaċi imma kien majna.

**Dr. Michael Refalo**, tabib mediku, xehed nhar is-sittax (16) ta' Jannar, 2020.[34] Xehed in rappreżentanza tal-amministrazzjoni tal-isptar rigward Saviour Grech. Jispjega li l-problema medika prinċipali li kellu Saviour kienet ta' *obstructive pulmonary disease* ossia kundizzjoni fil-pulmun li komunament isseħħ f'min ikun pejjep għal tul ta' żmien fejn il-pulmun ma' jibqax jiffunzjona sew u allura jkun hemm problemi bin-nifs. Xehed li l-maġġoranza tad-drabi li nġieb l-isptar kien kaġun ta' hekk. Xehed li fl-aħħar xahar qabel miet daħal l-isptar fit-12 ta' Mejju bi problema respiratorja li kienet qed tiġġrava. Xehed li min-notamenti tat-tobba li kienu jżuruh fil-*ward* jirriżulta li r-rimarki tat-tobba dejjem kienu relatati ma' problemi ta' nifs. Jgħid li fil-15 ta' Mejju raħ it-tabib Robert Sciberras li sabu konfuż. Jgħid li ma' kien hemm ebda notament ieħor għajr li l-pazjent instab konfuż matul il-lejl. Xehed li kien hemm pjan li l-pazjent jiġi *discharged* l-għada, 16 ta' Mejju iżda x'hin rawh it-tobba sabu li nifsu kien għadu mhux sew u żammewh. Jgħid li s-sitwazzjoni baqgħet l-istess sat-22 ta' Mejju, 2013. Xehed li fit-23 ta' Mejju żdiedet nota fejn it-tabib Robert Sciberras kiteb *"patient does not want to go home due to pressure or trouble"* u *"probably son to go back to Australia first (1st) June, 2013"*.

Jgħid li ma' marx id-dar sal-24 ta' Mejju izda fil-25 ta' Mejju huwa stess talab li joħroġ it-Tnejn ta' wara, ossia, fis-27. Żied jgħid li fis- 26 ta' Mejju raħ hu stess u sabu bi qtugħ ta' nifs kif ukoll anzjuż. Jgħid li ma' sabx x'kienet ir-raġuni tal-anzjeta'. Jgħid li fis-27 ta' Mejju, meta suppost kellu joħroġ mill-isptar, kellu uġiegħ f'sidru, qalbu bdiet tgħaġġel ħafna u trasferewh is-CCU. Ikompli sabiex jgħid li fit-30 instab *dehydrated* u

[33] A fol 206 sa 210.
[34] A fol 224 sa 233.

mdejjaq (*depressed*) bil-pulmun kien għadu l-istess u allura nzamm fuq il-mediċina tal-pulmun u ngħata wkoll *anti-depressant*. Jgħid li notamenti fuq *anti-depressants* ma' kienx hemm qabel din id-darba. Xehed li fit-3 ta' Ġunju sar notament ieħor li *"patient claiming that he is depressed and would like something to sleep"* u ngħata Valium li qatt ma' kienet ġiet amminstrata qabel. Jixhed dwar il-mediċini li kien qed jieħu kif ukoll jgħid li l-Proxetene ingħatatlu fil-31 ta Mejju u li din hija għad-dipressjoni. Jgħid li l-kumplament tal-mediċina li semma jingħataw minħabba problemi ta' nifs (pulmun) u qalb. Kompla jgħid li fil-5 ta' Ġunju kien ingħata drip u t-tabib talab konsulenza psikjatrika fejn raħ Dr. John Borg li kiteb *"psychiatric review. Eighty two year old, widowed gentleman, currently in male ward with severe chronic obstructive disease. Started on Paxotene about one week ago. Psychosocial problems: plus plus. Arguments: plus plus plus amongst children re inheritance. Anxious: plus plus. Distressed. No death wishes/suicidal"*. Xehed illi fis-7 ta' Ġunju, 2013 qaleb għal-agħar ġie ċċertifikat mejjet fl-22:00.

**Dun Brian Mejlaq**, Kappillan ta' Kerċem, xehed nhar l-ewwel (1) ta' Lulju, 2020.[35] Jgħid illi lil Saviour Grech jiftakru u kien ilu jafu xi ħames (5) snin qabel miet. Jgħid li sar jafu meta sar Kappillan ta' Kerċem. Jgħid li ma jiftakarx li tah il-Griżma tal-Morda għax Saviour miet l-isptar fejn jieħdu ħsieb il-qassisin tal-isptar. Jgħid li ma' jiftakrux bagħtut u anke jaħseb li baqa' jmur il-knisja sal-aħħar. Jgħid li ma jiftakarx kemm il-darba mar jarah l-isptar u kif kien l-isptar. Jgħid imma illi kieku kien każ estrem ma kienx ser jinsa. Jgħid li ma' jiftakarx li Saviour qatt kellmu rigward problemi li kellu. Jgħid li meta kien imur iberiklu kien jilqaw b'*cocktail* maghmul minnu, li kien ċajtier u gustuż.

**Dr. Robert Sciberras**, tabib mediku, xehed[36] illi l-aħħar li daħal l-isptar Saviour kien fit-12 ta' Mejju, 2013 u huwa kellu 82 sena. Jgħid li l-biljett għal isptar sar fis-6 ta' Mejju, 2013 iżda għal xi raġuni Saviour iddaħħal l-isptar fit-12. Jgħid li l-isptar kienu diġa jafu li kellu problemi bil-pulmun minn tipjip fil-passat. Jgħid li Saviour kien fuq diversi mediċini fosthom *inhalers* għan-nifs u pilloli tal-qalb. Jgħid li b'kollox kellu 11-il mediċina differenti relatati mal-pulmun u l-qalb. Jgħid li huwa daħal fix-xena fit-13 ta' Mejju, 2013, eżamina lil Saviour u sablu problemi fil-pulmun fejn l-

[35] A fol 445 sa 449.
[36] A fol 451 sa 468.

ossiġnu ma' kienx jgħaddi sew għalhekk bdih fuq l-antibijotiċi u l-fiżjoterapija. Jgħid li fl-14 ta' Mejju għamlulu *CT Scan* u l-għada in-*nurses* irrappurtaw li matul il-lejl kien konfuż/diżorjentat pero meta eżaminaħ sab li ma' kienx ħażin infatti minn injezzjonijiet qalbu għal-pilloli. Jgħid li għalihom kien tajjeb biżżejjed, tenut kont tal-*baseline* tiegħu, tant li bdew jaħsbu sabiex jibgħatuh id-dar. Jgħid iżda li filgħaxija kien hemm sejħa mis-sala sabiex lil Saviour jaraħ tabib. Jgħid li raħ Dr. Rapa li sablu qalbu tajba, polz tajjeb, u pressjoni tajba imma nifsu maqtugħ peress li l-pulmun kien dak li kien. Jgħid li minħabba dan Saviour ma' ntbatx id-dar fil-ħmistax. Jgħid li fis-sittax u s-sbatax reġa' raħ hu u reġgħu kienu qed jaħsbu meta jistgħu jibgħatuh id-dar. Jgħid li bejn it-18 u 21 baqgħu jarawh regolarment iżda huwa beda jgħid li kultant ma' jħossux tajjeb u li kellu ħruq ta' stonku. Jgħid li fil-21 Saviour ma' kienx ħażin, kien stabbli u jiekol u kien l-istess fit-22. Jgħid li mbagħad fit-23, ossia l-għada li kellhom jiġu mitkellma l-qrabat tiegħu, huwa niżżel nota (jgħaraf il-ktiba tiegħu stess) li Saviour *"does not want to go home due to presence of trouble at home"*. Jgħid li huwa stess kiteb ukoll *"problematic son to go back to Australia first (1st) of June twenty thirteen (2013)"*. Jgħid li huwa lil Saviour ma' saqsieħx minn hu dan it-tifel jew x'jismu pero jiftakar lil Saviour jgħidlu li ma' jridtx imur id-dar għalissa minkejja li huwa kien spjegalu li l-isptar hemm riskji ta' infezzjonijiet. Jgħid li f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa ma' setax jibgħatu d-dar. Jinsisti li Saviour qallu li ma' jistax imur id-dar qabel l-ewwel (1) ta' Ġunju meta t-tifel tiegħu kien ser jitlaq lura lejn l-Awstralja. Jgħid li f'dak l-istadju huwa kellu l-1 ta' Ġunju bħala d-data meta setgħu jibgħatu lil Saviour id-dar u allura baqgħu jarawh kuljum bejn l-24 u d-29 ta' Mejju fejn Saviour dejjem instab stabbli. Jgħid li fil-25 qalilhom li huwa jixtieq imur id-dar it-Tnejn ta' wara. Jgħid li peress li kien stabbli u qalilhom huwa stess, kienu qed jippjanaw li jibgħatuh id-dar it-Tnejn, sebgħa u għoxrin ta' Mejju. Jgħid iżda li kien hemm sejħa oħra mis-sala dakinhar stess (ħamsa u għoxrin (25)) filgħaxija fejn rat lil Saviour, Dr. Josette Rapa li ma' nkwetatx għax sabitu *not distressed* u tagħtu biss ftit *nebuliser*. Jgħid li l-għada, 26 reġgħu iċċekjawh u sabuħ l-istess imbagħad fis-27 kien hemm sejħa urġenti fejn Saviour qal lit-tabib li mar jarah (mhux ix-xhud) li kellu uġiegħ f'sidru. Jgħid li hawnhekk sabuħ li kellu l-ossiġnu baxx u li niżlitlu l-pressjoni u x-xhud mar hu stess għax inkwieta u ddeċieda li jittrasferih is-CCU peress li uġiegħ fis-sider kien sintomu ġdid għal Saviour li soltu jkollu biss qtugħ ta' nifs. Jgħid li l-għada, tmienja u għoxrin Saviour ġie trasferit lura s-sala tal-irġiel bix-xhud jgħid li dan seħħ għax probabilment instab tajjeb. Jgħid li r-riżultati tal-pulmun kienu baqgħu l-istess u li dakinhar stess fis-sagħtejn ta' wara nofsinhar (1400)

ratu Dr. Marlene Attard li sabitu kellu ftit qtugħ ta' nifsu u bdewlu *amonophemin infusion* li jfisser li ma' kienx qiegħed tajjeb. Jiċċara li ma kienx sew fis-sens ta' qtugħ ta' nifs. Mistoqsi rigward il-qagħda mentali ta' Saviour jgħid li ftit wara li daħal l-isptar (fil-ħimstax (15)) kien konfuż u li dan normali meta jkun hemm infezzjoni fis-sider. Jiċċara li l-konfużjoni li semma kienet ħafna qabel it-28 ta' Mejju u li dakinhar tat-tmienja u għoxrin ma' nstabx konfuż. Jgħid li filfatt dakinhar huwa kellu konversazzjonijiet tajbin ma' Saviour. Iżid jgħid li miegħu Saviour dejjem tkellem tajjeb tant li anke indikalu l-problema li kellu d-dar u d-data qabel liema ma' xtaqx imur lura u allura, indikalu dati u kollox, inkluż meta biddel fhemtu rigward li jmur id-dar fid-29 ta' Mejju minflok fl-1 ta' Ġunju. Jgħid li huwa reġa' ra lil Saviour fid-29 ta' Mejju fejn sablu nfezzjoni fil-pulmun u fil-fatt kien naqaslu l-aptit. Jgħid li reġa' raħ fit-tletin fejn Saviour qallu li qiegħed iħossu aħjar, ma kellux deni u fil-fatt naqsulu l-mediċini. Jgħid li kien fit-tletin li dehret il-kelma *depressed* fejn ikkonfermaw li Saviour imdejjaq u nbeda fuq il-*paroxetine* li hija pillola tal-ansjeta u dipressjoni. Jgħid li fit-tletin baqa' l-isptar għax kien hemm l-episodju tal-ewwel (1) ta' Ġunju. Jgħid li d-dipressjoni tkun ilha ġejja, ma' tibdiex b'mod istantanju. Jgħid li mill-pilloli kollha li semma qabel ebda waħda ma' kienet tad-dipressjoni, dawk kienu lkoll tal-pulmun u l-qalb. Mistoqsi fuq *side effects* tal-pilloli li semma qabel jgħid li hemm pero dippressjoni u konfużjoni mhux fosthom u anqas ma jaffetwaw il-qagħda mentali tal-bniedem, inkluż kif jirraġuna. Jgħid li fl-1 ta' Ġunju reġgħu rawh u sabuħ aħjar mentri fit-3 ta' Ġunju raw li mhux jiekol biżżejjed u filgħaxija kien hemm sejħa oħra mis-sala fejn Saviour reġa' lmenta minn uġiegħ f'sidru u lit-tabiba qalilha li mdejjaq u jixtieq xi ħaġa biex jorqod. Jgħid li hawnhekk it-tabiba nvistatu biex teskludi problemi tal-qalb u rat li kollox sew iżda jista jkun hemm ansjeta u allura tagħtu *Valium*. Jgħid li fl-erbgħa ta' Ġunju huwa rah u Saviour qallu li raqad tajjeb bil-lejl. Iżid iżda li rawħ għajjien u dipressat u għalhekk fil-5 ta' Ġunju ġabu lil Dr. John Borg, psikjatra, li nnota li Saviour kien inbeda fuq il-*paroxetine* ġimgħa qabel u qal li hemm *psychosocial problems plus plus* u *arguments plus plus amongst children re inheritance*. Jgħid li l-psikjatra kompla dak li amministra huwa u żiedlu l-*fluanxol*. Jgħid li fis-7 ta' Ġunju 2013 Saviour qaleb għal għar f'daqqa, issejjħu l-qraba tiegħu, u saritlu l-Griżma. Jgħid li Saviour miet dakinhar. Ix-xhud eżebixxa wkoll kopja tal-file relattiv għal-aħħar darba li ddaħħal l-isptar Saviour.[37]

[37] A fol 479 sa 497.

**In kontro-eżami**,[38] jgħid li meta daħal l-isptar l-aħħar darba l-uniċi problemi li kellu Saviour kienu relatati mal-qalb u l-pulmun. Jgħid illi kieku Saviour kien konfuż din kienet tkun l-ewwel ħaġa li kien jikteb il-psikjatra. Jgħid li iżda l-psikjatra jidher li kellu konversazzjoni dettaljata ma' Saviour liema konversazzjoni tikkumbaċja ma' dak li kien qal Saviour lilu. Jgħid li lilu Saviour semmielu biss tifel li huwa ma jafx x'jismu u qatt ma' ltaqa miegħu. Jgħid li għalkemm Saviour ma' taħx isem it-tifel indikalu li l-istess kien sejjer lura l-Awstralja fl-ewwel ta' Ġunju. Jgħid li mit-tlieta u għoxrin , meta qallu bit-tifel problematiku, sa meta miet, huwa ra lill Saviour prattikament kuljum u dejjem sabu orjentat u l-kommunikazzjoni miegħu kienet ċara. Jgħid li kieku ma' kienx hekk kien jagħmel notament ta' dan. Jgħid li m'hemm ebda ndikazzjoni li ma' kienx *compos mentis*.

**In re-eżami**,[39] jgħid li fir-rigward tad-dwejjaq li kien iħoss Saviour kien qalilhom, fit-tlieta u għoxrin ta' Mejju, li dan kien minn problema familjari. Jgħid li huwa kien iħallih liberu jitkellem pero ma jsaqsiħx filwaqt li l-psikjatra saqsa għal aktar dettalji. Jgħid li minkejja li kien qallu li hemm riskju ta' infezzjoni, Saviour kien ipprefera jibqa' l-isptar milli jmur id-dar.

**Dr. John Borg**, psikjatra, xehed[40] rigward Saviour Grech. Muri ċ-ċertifikat a fol 11 fil-proċess 73/2015 qal illi dak kien inħareġ minnu u huwa ffirmat minnu. Xehed illi lil Saviour Grech jiftakru. Jgħid li kienu għajtulu familjari tiegħu, li ma' jiftakarx minn huma, sabiex imur jarah u kien mar jarah id-dar. Xehed li mar jarah, għamillu *full mental state examination,* u saqsih kienx kuntent jagħmel testment. Jgħid li jiftakar li waqt l-eżami ta' Saviour kien hemm xi familjari tiegħu preżenti iżda x'ħin wasal għal ċertu punt tal-eżami huwa keċċa lil kulħadd minn hemm u tkellem ma' Saviour waħdu. Jispjega li l-mansjoni tiegħu bħala psikjatra hija li jara li l-pazjent *compos mentis*, li jaf x'qed jagħmel u x'ġurnata hi, u li huwa jkun ċert li dan irid jagħmel dak li qed jiġi mitkellem fuqu volontarjament, mhux għax sforzat. Jinsisti li huwa lil Saviour rah f'dar Ta' Kerċem, imma mhux ċert din kienitx id-dar tiegħu. Jgħid li huwa jistaqsi għaliex ikun intalab is-servizz tiegħu u li jekk jiftakar sew f'dan il-każ in-neċessita' taċ-ċertifikat

---

[38] A fol 468 sa 472.
[39] A fol 472 sa 473.
[40] Traskrizzjoni a fol 145 sa 160 tal-process numru 73/2015 – xhieda reza applikabbli ghal din l-istanza permezz ta' verbal quddiem l-assistent gudizzjarju.

kienet minħabba bżonn li jsir testment. Muri d-dokumenti eżebiti mir-rappreżentant tal-isptar, inkluż dawk bin-notamenti tiegħu, jgħid li hemmhekk kien rah fir-rwol tiegħu ta' specjalista' fl-isptar. Jikkonferma li ċ-ċertifikat rilaxxat minnu u ikun ħadu miegħu dakinhar stess li jkun hemm Nutar sabiex isir testment  imma huwa jiffirmah biss wara li jeżamina lill-pazjent u jekk ikun kuntent li l-pazjent huwa idonju jiffirmaħ, jekk le, jqattaw. Jgħid li meta huwa jintalab dan is-servizz, ma' jarax biss li l-pazjent ikun *compos mentis,* iżda wkoll li jkun irid, volontarjament, jirrilaxxa li skrittura li magħha jkun ser jiġi anness iċ-ċertifkat ta' *compos mentis* u, jekk ma' jkunx, jew jekk huwa jinduna li dan sforzat, huwa ċ-ċertifikat ma' jirrilaxxaħx. Jgħid li huwa jsaqsi direttament lill-pazjent hux kuntent jagħmel l-iskrittura li tkun qed tiġi proposta. Jgħid li meta ra lil Saviour privatament huwa kien kuntent jirrilaxxa iċ-ċertifikat u, meta rah bħala konsulent speċjalista tal-isptar, ħalla n-notamenti opportuni. Jikkonferma li fil-file tal-isptar kiteb li kien hemm ħafna argumenti u, fir-rigward tal-*plusses*, jgħid li dawn jirriflettu l-gravita' tas-sitwazzjonijiet partikolari. Jgħid li din hija suġġettiva ħafna, imma fejn għamel *plus, plus, plus*, bħal fil-każ tal-argumenti, dan ifisser li kien hemm ħafna argumenti. Jgħid li l-argumenti kienu l-problema prinċipali, u li huwa ovvju li Saviour kien qiegħed jinkwieta bl-argumenti. Jgħid li l-fatt li pazjent jieħu *anti-depressants* ma' jfissirx li ma' jkunx jista jgħamel skrizzjoni. Jgħid li xi ġimgħa qabel rah l-isptar lil Saviour kienu bdewlu l-Paroxetine li hija *anti-depressant*. Jgħid li din ma' bdiħx fuqha huwa. Jgħid li bniedem b'dipressjoni ħafna drabi jkollu l-intier tal-kapaċitajiet mentali tiegħu.

**In kontro-eżami,**[41] wara li jaqra l-minuta mil-file tal-isptar ta' Saviour li tgħid *"patient does not want to go home due to pressure or trouble at home, probably now son to go back to Australia…"* jgħid li din ma' kitibhiex huwa iżda Dr. Robert Sciberras u ma' jistax jaqraha kollha pero' jaraf il-kliem *"son"* u *"Australia"* u jinsisti li huwa jista biss jgħid li fejn huwa kiteb *"arguments: plus, plus, plus"* li jfisser li argumenti kien hemm ħafna u Saviour kien anzjuż rigward dan. Jikkonferma li huwa bħala konsulent psikjatriku tal-isptar issejjaħ sabiex jara lil Saviour mill-ispeċjalista kuranti ta' Saviour peress li Saviour kien anzjuż. Mistoqsi jarax korrelazzjoni bejn dan u bejn in-notament ta' Dr. Robert Sciberras jgħid li probabbli kien hemm. Jinsisti pero' li Dr. Sciberras jista jirrispondi aħjar fuq dan iżda jerġa jgħid li korrelazzjoni bejn in-notament ta' Dr. Sciberras

[41] A fol 152 sa 157 tal-process 73/2015.

u tiegħu li sar xi jiem wara hemm żgur. Jtenni li dakinhar li rrilaxxa ċ-ċertifikat tiegħu huwa kkonferma li Saviour kien fil-pieni poteri mentali tiegħu u kellu l-volonta' li jagħmel testment għax kieku huwa ma' kienx jirrilaxxa ċ-ċertifikat. Jgħid ukoll li huwa dejjem jinsisti li ċ-ċertifikat għandu jsir fl-istess ġurnata li jkun ser jattendi n-Nutar għax finalment pazjent jista li llum ikun tajjeb u għada le.

**In ri-eżami,**[42] jinsisti li huwa dejjem jgħidilhom li d-data taċ-ċertifikat tiegħu trid tkun taqbel mad-data tat-testment. Jgħid li bejn id-data meta rrilaxxa ċ-ċertifikat u d-data tan-notament fil-file tal-isptar xi ħadd beda lil Saviour fuq il-Paxatin iżda dan ma' kienx hu.

**In kontro-eżami ulterjuri,**[43] mistoqsi dwar iċ-ċertifikat tiegħu a fol 11 (datat it-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju, 2013), in-notament tiegħu fil-file tal-isptar li daħħal nhar il-ħamsa (5) ta' Gunju, 2013 u n-notament ta' Dr. Sciberras ta' nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju, 2013, jgħid li jidher li l-ansjeta f'Saviour immanifestat ruħha minħabba pressjoni li kienet qiegħda issir. Iżid jgħid li għalkemm huwa m'għandux dettalji jidher li għall-aħħar ta' Mejju sar testment, Saviour ġie anzjuż, xi ħadd bdieħ bil-Paxatin għax skont in-notamenti tiegħu *"was started on Paxatin a week ago"*, hu rah fil-ħamsa (5) ta' Ġunju l-isptar u sabu anzjuż. Jikkonkludi sabiex jgħid li l-affarijiet ma' jistawx ikunu aktar ċari.

**Dr. Martin Cutajar,** tabib mediku, xehed[44] li Saviour kien pazjent privat tiegħu u kien ilu hekk pazjent tiegħu mill-1993 sa meta miet. Jgħid li l-problema prinċipali ta' Saviour kienet ta' *chronic obstructive airways disease* ossia; problema tal-pulmun u qtugħ tan-nifs. Jgħid li bħala saħħa mentali Saviour kien luċidu u qatt ma' kellu problemi mentali. Jgħid li kienu jkunu jew Rita jew Miriam (il-konvenuti) li kienu jċemplulu sabiex imur jara lil Saviour id-dar u li Saviour ġieli anke raħ fil-klinika tiegħu fejn kien ikun akkumpanjat minn Rita jew Miriam. Jinsisti li sa meta raħ huwa, anke xi żmien qabel li miet, Saviour kien luċidu, kien jiċċajta miegħu, u l-problemi li kellu kienu biss fiżiċi, bil-pulmun. Jgħid li fuq Rita u Miriam Saviour kien jgħid biss li jieħdu ħsiebu. Jgħid li qatt ma żaru f'daru u sabu maħmuġ jew ra li d-dar maħmuġa. Jgħid li apparti Rita u Miriam jaf li

[42] A fol 157 sa 159 tal-process 73/2015.
[43] A fol 159 sa 160 tal-process 73/2015.
[44] Traskrizzjoni a fol 170 sa 174 tal-process numru 73/2015 – xhieda reza applikabbli ghal din l-istanza permezz ta' verbal quddiem l-assistent gudizzjarju.

Saviour kellu xi tfal barra minn Malta pero' dawn qatt ma' tkellmu fuqhom.

**In kontro-eżami**,[45] jikkonferma li Saviour qatt ma' semmielu lill-uliedu msiefrin. Jgħid ukoll li qatt ma' ltaqa ma' ħadd fid-dar ta' Saviour għajr għal Rita u Miriam. Jgħid li fl-aħħar sentejn qabel miet huwa mar fid-dar ta' Saviour ċirka erba' jew ħames darbiet pero minn dan mhux ċert. Jgħid li ma' jiftakarx li qatt rah fl-isptar għaliex huwa jaħdem privatament biss. Jgħid li mir-*records* tiegħu m'hemm ebda indikazzjoni li Saviour kien ibgħati minn dipressjoni pero ma jafx jekk kellux xi episodji ta' dipressjoni waqt li kien l-isptar. Jgħid li huwa lil Saviour qatt ma rah anzjuż, jafu jiċċajta biss. Jgħid li jaħseb li rah xi xahrejn qabel miet. Jgħid ukoll li kien ilestilu borża ful kull meta jmur għandu.

**Rita Calleja**, waħda mill-konvenuti, xehdet bil-proċedura ta' l-affidavit.[46] Tgħid li missiera miet fis-sebgħa ta' Gunju, 2013 u omma għaxar snin qablu, fl-2003. Tgħid li ħutha Joseph u Lina ilhom l-Awstralja 'il-fuq minn erbgħin sena. Tgħid li dawn hutha wara li emigraw ġew Malta xi drabi għal btajjel. Tgħid li wara li mietet ommha kienu jduru b'missierha hi u oħtha Miriam. Tgħid li kienu jieħdu ħsieb it-tindif u ħasil ta' ħwejjeġ pero' huwa kien baqa jsajjar. Tgħid li kienu jieħduh il-qadjiet li kien ikollu inkluż għand it-tabib privat tiegħu, Dr. Martin Cutajar, jew l-isptar. Tgħid li ġieli anke ħadithu għand is-Sur Robert Sciberras għal xi konsulta. Tgħid li kienet anke tieħu ħsieb tiġborlu l-mediċina li kien jeħtieġ. Tgħid li bħala manutenzjoni fid-dar ta' missiera fi Triq Franġisk u Roża Camilleri, Kerċem, Għawdex, kienu jieħdu ħsieb żewġgħa Michael u iben oħtha Miriam li jismu Roderick. Tgħid li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma kienu jħallsuhom hi u oħta Miriam, inkluż meta ħuha Joseph kien ikun Għawdex mill-Awstralja u joqgħod ma' missierhom, u baqgħu jagħmlu hekk anke wara mewt missierhom. Tgħid li missierha kien ilu jixtieq jikkumpensa lilha u lil oħta Miriam. Tgħid li huma qatt u ħadu flus mingħand missierhom ta' li kienu jagħmlu. Tgħid li ħuha Joseph kien jiġi Għawdex biex jinkwieta' lill-missierhom billi jindaħal anke fuq x'għandu jagħmel b'ġidu. Tgħid li missierha kien jibża minn ħuha Joseph u li meta Joseph kien ikun Għawdex fuq btala missiera kien ikollu dwejjaq kbar u kienet tgholhielu l-pressjoni bl-inkwiet. Tgħid li missierha kien jgħidilha

---

[45] A fol 174 sa 177 tal-process 73/2015.

[46] Ipprezentat b'nota taghha tat-tmintax (18) ta' Mejju, 2021, a fol ---.

li Joseph kien idejjqu jargumenta miegħu fuq il-wirt. Tgħid li missierha kellu biss problemi respiratorji minħabba li għamel snin twal ipejjep iżda ma' kien ibgħati minn xejn iżjed u xejn ta' natura mentali. Tgħid li hi u oħtha Miriam saru jafu bit-testment ta' missierhom wara l-mewt tiegħu u li huma qatt ma' ndaħlulu x'jagħmel bi ħwejġu. Tgħid li l-isptar, hi u Miriam kienu jżuru lill-missierhom filgħodu u wara nofsinhar u lejn l-aħħar, meta tħallew jagħmlu dan, kienu anke jibqgħu għal-ħinijiet itwal. Tgħid li Joseph baqa jaqla l-inkwiet lill-missierhom anke fuq is-sodda tal-mewt iżda missierha rreżista l-pressjonijiet li kien jagħmel fuqu Joseph. Tgħid li missierha kien jieħu kedda b'Joseph tant li kien jipprova jevitaħ u kien anke pprefera jibqa l-isptar milli jmur lura daru fejn kien hemm ibnu. Tgħid li wara l-mewt ta' missierha ħuha Joseph baqa jidħol fid-dar fi Triq Frangisk u Roza Camilleri, Kerċem, Għawdex, kull meta jkun Għawdex mill-Awstralja u li huwa għandu l-pussess tal-istess fond bħalha u bħal ohta Miriam bid-differenza biss li waqt li hi u oħta baqgħu jieħdu ħsieb id-dar, inkluż bil-manutenzjonijiet neċessarji, l-atturi qatt ma' taw każ ta' dan.

**In kontro-eżami**[47] xehdet illi saħħet missierha bdiet tiddetorjora minn qisu sentejn wara li mietet ommha u dan b'riżultat tat-tipjip. Tgħid li beda bin-*nebuliser* u minn hemm mxew skond l-ordnijiet tat-tabib. Tgħid li taqbel li l-mediċini li kien jieħu missiera kienet dik li semma t-tabib fix-xhieda tiegħu. Tgħid li l-aħħar li missierha ddaħħal l-isptar kien fuq ordni tat-tabib u ħaduh hi u ohtha Miriam. Tikkonferma li hija saret taf bl-aħħar testment ta' missierha mir-riċerka li saret wara mewtu. Mistoqsija fuq iċ-ċavetta tad-dar fejn kien jgħix missiera tgħid li hija kellha ċavetta u baqgħet għandha anke wara li miet missierha. Tgħid li hutha Joseph u Lina ingħataw ċavetta "bil-Qorti". Tgħid li ċ-ċavetta ingħatat lilhom tramite Dr. Galea meta kienet diġa nfetħet il-kawża għax ħutha m'humiex qiegħdin Għawdex imma l-Awstralja. Tgħid li issa kulħadd għandu ċavetta. Tinsisti li qabel infetħet il-kawża ħutha Joseph u Lina qatt ma' talbuhom ċavetta. Tgħid li qatt ma' kienet taf li Joseph ried ċavetta mbagħad x'ħin kien hawn saret taf u hi u oħta Miriam marru qatgħu tnejn u tawhomlhom. Tgħid li meta miet missierha ħuha Joseph kien Għawdex iżda oħta Lina le imma ħadd qatt ma' talabha ċavetta. Tgħid li fl-aħħar żmien ta' ħajja ta' missiera ħuha kien qiegħed Għawdex, kien joqgħod fid-dar ta' missierha, u kellu ċavetta sabiex joħroġ u jidħol kif jixtieq. Tgħid li

[47] A fol 284 sa 306 tal-process 73/2015 reza applikabbli ghal din l-istanza permezz tal-verbal tas-sbatax (17) ta' Frar, 2022.

hi ma tafx x'għamel biċ-ċavetta Joseph meta telaq lejn l-Awstralja wara li miet misserha.

**Miriam Borg**, il-konvenuta l-oħra, ukoll xehdet bil-proċedura ta' l-affidavit.[48] Tibda billi tikkonferma l-affidavit ta' oħta Rita Calleja. Tgħid li ħutha l-atturi ilhom l-Awstralja u matul is-snin li ilhom hemm Għawdex kienu jiġu għal xi btajjel u qatt ma' meddew idhom għal li kien ikollu bżonn missierhom. Tgħid li ħuha Joseph kien jiġi Għawdex biex jinkwieta lill-missierhom u baqa' jagħmel hekk sal-mewt ta' missierhom. Tgħid li missiera kien jirrabja ħafna meta Joseph kien jindaħallu, partikolarment fuq ġidu u x'għandu jagħmel bih. Tgħid li missiera baqa' f'sensiħ sa' mewtu u baqa dejjem jirreżisti l-pressjonijiet ta' Joseph pero l-kedded Joseph kien itihomlu. Tgħid li missierha kien jieħu qata' meta jsir jaf li Joseph kien ikun ġej mill-Awstralja. Tgħid li hi u oħtha Rita bdew iduru b'missierha wara l-mewt ta' ommhom. Tgħid li kienu jinqasmu bejniethom pero' t-tindif tad-dar ta' missierhom kienu jagħmluh flimkien u l-ħasil ta' ħwejġu kienu jaqsmuh bejniethom. Tgħid li għand missierha kienu jmorru kuljum u oħta Rita, flimkien ma' żewġha Michael, kienu jieħdu ħsieb jippreparawlu l-pompa tan-nifs peress li missierha kien ibgħati bin-nifs stante snin twal ta' tipjip. Tgħid li billi oħtha Rita ssuq kienet hija li tieħdu l-appuntamenti għand it-tobba u l-visti l-isptar. Tgħid li missierha kien juri gratitudni lejha u lejn Rita u dejjem xtaq jikkumpenshom. Tgħid li hija saret taf bit-testment li għamel missierha qabel miet wara l-mewt tiegħu, meta saru r-riċerki. Tgħid li missierha baqa' f'sensiħ sal-aħħar u qatt ma' bata minn ebda problemi mentali.

**In kontro-eżami**[49] tgħid li missierha ma' kienx jidħol l-isptar b'mod regolari. Tgħid li l-isptar kienet tieħdu oħtha Rita u hi kienet takkumpanjaha. Tgħid li hi lil missierha kienet tmur taraħ kuljum. Tgħid li hi toqgħod qrib tad-dar ta' missierha u għalhekk s'għandu kienet tmur bil-mixi jew kienet tmur għalija oħtha Rita. Tgħid li għand missierha kienu jkunu hi u Rita flimkien u jaraw x'hemm bżonn. Tgħid li missierha miet fl-2013 u li saħħtu kienet marret lura minn meta mietet ommha fl-2003. Tgħid li kien ibgħati bil-qtugħ ta' nifs peress li kien ipejjep ħafna. Mistoqsija kif kienet saħħtu wara l-2010 tgħid li kienet bagħtuta ħafna tant li Michael, ir-raġel ta' oħtha Rita, kien jeħodlu t-tankijiet tal-ossiġnu mill-

[48] Ipprezentat b'nota taghha tal-erbgha (4) ta' Gunju, 2021 a fol ---.
[49] A fol 307 sa 340b tal-process 73/2015 reza applikabbli ghal din l-istanza permezz tal-verbal tas-sbatax (17) ta' Frar, 2022.

isptar. Tgħid li oħtha Rita kienet tagħtih il-*ventolin* mas-salina (*saline*). Tgħid li lejn l-aħħar ta' ħajtu kien jieħu xi mediċini nkluż tal-pressjoni u li dawn kienet iġġibhomlu Rita mill-ispiżerija. Issemmi wkoll pilloli oħrajn li kien jieħu. Tgħid li t-tabib kuranti tiegħu kien Dr. Cutajar. Tgħid ukoll li kull xahar kien jara lil Dr. Robert Sciberras u kienu wkoll jeħduħ l-isptar għal vista. Tgħid li l-aħħar li daħal l-isptar kien fl-2013 u miet fis-sebgħa ta' Ġunju, 2013. Tgħid li dawk l-aħħar għaxar t'ijiem ta' ħajja fl-isptar missierha kien bagħtut bin-nifs. Tgħid, iżda, li xorta kien baqa' jkellimha sew u dejjem baqa' jirraġuna sew. Tgħid li kien isaqsiha x'kienet tagħmel qabel waslet fejnu u minn fejn kienet ġejja. Tgħid li hija u Rita kienu jmorru jarawħ u ħuha Joseph ġieli nzertatu dieħel l-isptar waqt li hi tkun ħierġa. Tgħid li Lina ma' kienitx ġiet mill-Awstralja. Rigward l-aħħar testment ta' missierha tgħid li dan ma' kienitx taf bih u saret taf bih biss meta saru r-riċerki. Tgħid li hi ma' ħaditx sorprisa li missierha ħalla l-post fejn kien jgħix lilha u lil Rita għaliex missierha kien dejjem jgħid li jrid jikkumpensahom għax kien jgħid li lilhom isib mhux lil ta' l-Awstralja. Tgħid li ħuha Joseph, meta kien ikun Għawdex, kien joqgħod għand missierha u missierha ġieli qallu jmur fid-dar tiegħu għax ma' kienx għadu jiflaħ iżda hu kien jibqa għand missierhom. Mistoqsija fuq iċ-ċavetta tad-dar fejn kien jgħix missierha u jekk din kienitx biss fil-pussess tagħha u ta' oħtha Rita tgħid li dment li kienu l-Awstralja ħutha l-oħrajn, hi u Rita biss kienu jidħlu u ħutha l-oħrajn ma' kellhomx ċavetta. Tgħid li taqbel li wara li miet missierha ħuha Joseph talab ċavetta lilha u lil Rita u huma għaddewlu l-istess ċavetta iżda ma' tiftakarx jekk dan kienx qabel jew wara li nfetħet din il-kawża.

**In re-eżami** fl-istess data,[50] tgħid li meta kien ikun Għawdex ħuha Joseph kien joqgħod għand missierhom għax il-post tiegħu f'Għawdex kien mikri lil terzi. Tgħid li huwa kien jidħol fil-post ta' missierha b'ċavetta li jħallilu missierha.

**Michael Calleja**, żewġ il-konvenuta Rita Calleja, ukoll xehed bil-proċedura ta' l-affidavit.[51] Jgħid li lill-ġenituri ta' martu jafhom jarmu s-saħħa b'Saviour beda jmajna ftit wara l-mewt ta' martu Pawla. Jgħid li Saviour kien ibgħati biss bin-nuqqas ta' nifs minħabba li għamel żmien ipejjep ħafna tant li spiċċa bil-pompa tan-nifs. Jgħid li Saviour kellu

---

[50] A fol 340b sa 340d tal-process 73/2015.
[51] Ipprezentat b'nota tal-konvenuti tal-hdax (11) ta' Gunju, 2021, a fol ---.

erbat'itfal, martu Rita u hutha Miriam, Joseph u Lina b'Joseph u Lina jinsabu l-Awstralja. Jgħid li wara mewt martu, lil Saviour kienu jduru bih martu Rita u oħtha Miriam. Jgħid li x-xogħol ta' manutenzjoni f'dar Saviour kienu jagħmluh huwa u żewġ Miriam, Joseph u, wara mewt żewġ Miriam beda jgħin binha Roderick. Jgħid li huwa kien ukoll jieħu ħsieb inaddaf il-ħmieġ tal-annimali ta' Saviour u li Saviour kien jindikalu huwa f'liema għalqa kellu jġorr l-istess. Jgħid li Joseph u Lina qatt ma' ħadu ħsieb xejn meta kienu jkunu Għawdex għal-btajjel mill-Awstralja anzi, Joseph kien jagħti keded kbar lil missieru. Jgħid li Saviour kien ikollu dwejjaq kbar meta kien jisma li ġej Joseph u kien jieħu r-ruħ malli jitlaq. Jgħid li Saviour qatt ma' semma xejn dwar it-testment li għamel u li lilu kien jgħidlu biss li alla ħares ma' kellux lil Rita u lil Miriam.

**In kontro-eżami**[52] xehed illi lil Saviour kien ilu jafu minn mindu beda jkellem lil bintu Rita, jiġifieri mill-1986. Jgħid li miegħu kellu relazzjoni tajba ħafna kif kienet tajba wkoll mal-atturi Joseph u Lina. Jgħid li lejn l-aħħar, meta Joseph kien Għawdex fuq btala mill-Awstralja, inqalat kwistjoni li rrisolvew quddiem avukat. Jgħid li l-kwistjoni kienet fuq xi kirja li kien jieħu ħsieb huwa u li d-dħul minnha kellu jinqasam bejnu u bejn Joseph. Jgħid li dan id-disgwid inqala ftit jiem qabel miet Saviour. Jgħid li Saviour kien inkwieta fuq din il-biċċa u kien jgħidlu li Joseph ser jaqlalu xi waħda imma huwa kien jgħidlu ma' jinkwetax għax dak bejnu u bejn Joseph. Jgħid li dan seħħ xi ħames jew sitt ijiem qabel miet Saviour. Jgħid li huwa jaħdem l-isptar bħala *biomedical technician.* Jgħid li s-saħħa mentali ta' Saviour baqgħet tajba sal-aħħar minuta, kien biss in-nifs li kellu ħażin. Jgħid li huwa kien spiċċa l-unika raġel wara li miet żewġ Miriam u għalhekk waqa ħafna xogħol fuqu nkluż li jieħu t-tankijiet tal-ossiġnu lil Saviour. Jgħid li l-ossiġnu kien jieħu ħsiebu hu sabiex jingħataw il-persentaġġi kif suppost. Jgħid li l-miżuri tal-*ventolin* u *saline* kienu jittieħdu b'siringa u jiġu njettati fil-maskla tal-ossiġnu. Jgħid li lejn l-aħħar lil Saviour żdidietlu l-mediċina għaliex il-mard beda jinbidel u allura kienu jlestulu kaxxa *pill organiser* sabiex ma' jitgerfix. Mistoqsi fuq il-pilloli ta' dipressjoni li ngħata Saviour lejn l-aħħar ta' ħajtu jgħid li huwa b'dan ma' jafx pero jaf li Saviour baqa' sal-aħħar minuta f'sensiħ, kien inkwetat, pero f'sensiħ. Jgħid li Saviour kien igerger kull meta jiġi Joseph mill-Awstralja u dan għax kien jibża minn Joseph. Jgħid li fuq Joseph, Saviour kien jgħidlu li huwa ma jafux lil Joseph u huwa kien jgħidlu, dak ibnek. Jgħid li huwa sar jaf bl-aħħar testment ta' Saviour meta

[52] A fol ---.

saru r-riċerki. Jgħid li xi ġimgħa qabel miet Saviour kien qallu li jpattihilu (lil Joseph)[53] pero ma' jafx x'rid jgħid biha. Mistoqsi jafx lix-xhieda li dehru fuq l-aħħar testment ta' Saviour, li lkoll huma staff tal-isptar bħalu, jgħid li wieħed jafu imma l-ieħor le. Mistoqsi rigward iċ-ċwievet tad-dar fejn kien jgħix Saviour jgħid li kull wieħed mill-aħwa għandu ċ-ċwievet u qabel miet Saviour martu Rita u Miriam jaħseb li kellhom u l-aħwa l-oħra, meta kienu jiġu mis-safar, kien ikollhom ċavetta wkoll li kienet tingħata lilhom minn Saviour. Jgħid li meta Saviour kien l-isptar għall-aħħar darba qabel miet, Lina ma' kienitx Għawdex, Joseph biss kien, u kellu ċavetta. Jinsisti li l-aħwa kollha għandhom ċavetta tad-dar fejn kien jgħix Saviour.

**Nikolina *sive* Lina Borg**, l-attriċi, xehdet permezz ta' affidavit[54] fejn iddikjarat li hija tiġi bint il-mejjet Saviour Grech. Tixhed rigward iż-żewġ testmenti li ħalla missiera u tgħid li l-ewwel wieħed, tad-dsatax (19) ta' Awwissu, 1991 kien għamlu flimkien ma' omma li mietet qablu fl-2003. Tixhed li d-differenza bejn iż-żewġ testmenti hija notevoli għaliex fl-ewwel wieħed l-aħwa kollha kienu trattati bl-istess mod mentri bit-tieni wieħed, li sar għaxar t'ijiem qabel il-mewt ta' missierha, ma kienux stante li b'dan missierha ħalla ġidu kollu lil ħutha Rita u Mary. Tixhed li għalkemm hi ilha l-Awstralja għal snin twal dejjem kellha relazzjoni tajba ma' missierha. Tgħid li kienet iċċempillu kull ġimgħatejn fejn kienu jdumu jitkellmu xi nofs siegħa dment li kien ikollu s-saħħa. Tixhed li l-aħħar li kienet Għawdex kien madwar sena qabel miet missierha fejn dan kien gerger magħha rigward Rita u Miriam. Tgħid li kien qalilha li kellu relazzjoni aħjar magħha milli magħhom. Tgħid li lil Rita qatt ma ratha tagħmel faċenda jew issajjar. Tgħid li kienet oħt missierhom Katerina li tieħu ħsieb ta' dan, bil-ġirien jagħmlulu x-xirja. Tgħid li jekk Rita qatt għamlet xi ħaġa kienet tippretendi l-ħlas għalija. Tgħid li rat lil missierha jagħti bajd u laħam lil oħta Rita. Tgħid li missierha kien kapaċi jieħu l-mediċina waħdu imma kien jagħtihielu Michael, ir-raġel ta' Rita, biex taparsi jieħdu ħsiebu. Tgħid li dan Michael kien jagħtih il-mediċina tard u li b'riżultat ta' dan missierha kien ibgħati, inkluż bin-nifs. Tgħid li x'ħin kien jirrakkontalha dan kien jibki għax kien imweġġa. Tgħid li kien stqarr magħha li oħta Miriam ma tmurx taraħ u jekk kien iċemplilha kienet tevitaħ. Tgħid li l-aħħar li kien l-isptar kienet ċemplet minn barra u talbet lil Rita tgħaddi bewsa mingħandha lil misiserhom. Tgħid li wara, Rita

[53] Ix-xhud ma' giex mistoqsi jiccara fuq minn kien qieghed jghid meta Saviour qal din il-kelma (inpattihilu) pero, mill-assjem tax-xhieda, il-Qorti hija sodisfatti li hawnhekk kien qieghed jitkellem fuq l-attur Joseph Grech.
[54] A fol 25 sa 27 tal-process 73/2015.

qaltilha li dan ma' kienx induna bil-bewsa għax saħħtu, kemm fiżika kif ukoll mentali, kienet ħażina. Tgħid li b'dan hi fehmet li missierha allura ma kienx għadu kapaċi la jitkellem u anqas juri xi jrid. Tgħid li missierha għamel madwar erba' ġimgħat hekk l-isptar u għalhekk ma' tistax tifhem kif għaxar t'ijiem qabel miet dan għamel testment ġdid.

**In kontro-eżami**[55] tgħid li bejn il-mewt ta' ommha u ta' missierha hija kienet Għawdex darbtejn. Tgħid li għamlet seba' (7) ġimgħat Għawdex sena qabel miet missierha. Tikkonferma li wara l-mewt ta' ommha missierha kien għadu f'saħħtu u ma' kellux bżonn għajnuna. Tgħid li lil missierha kienet iċċempillu kull nhar ta' Ħadd fl-għaxra ta' filgħodu u ġieli qalilha taqta' għax ma' kienx ikun jista jitkellem. Tgħid li hija kienet taħseb li forsi kien ikun hemm xi ħadd ħdejh u ma' jkunx irid jitkellem quddiem dak li jkun. Tgħid li hija kienet indunat bil-problemi ta' nifs li kellu meta niżlet Għawdex xi sena qabel miet. Tgħid li huwa ma' kienx qalilha fuq it-telephone sabiex ma' jinkwetahiex. Tgħid li meta kienet tkun f'daru Għawdex ta' kuljum kien jinkaxxa ruħu mal-ħajt u bis-sinjali juriha li ma' jistax jieħu n-nifs. Tgħid li kienet tgħidlu jieħu (il-magna) tan-nifs u kien jgħidilha li lilu m'urewhx kif jagħmel il-magna tan-nifs biex taparsi hemm bżonnhom għalhekk. Tgħid li kienet tgħidlu dan mhux sew għax Rita tkun fuq xogħolha tnaddaf għand in-nies u żewġgħa Michael imur għandu biss għas-siegħa ta' wara nofsinhar. Tgħid li l-faċendi tad-dar fid-dar ta' missierha kienet tagħmilhom oħtu Katerina dment li ma' kienx ikun hemm hi mill-Awstralja. Tgħid li meta kienet Għawdex hi fuq il-btajjel tagħha Katerina kienet tidħol kuljum fit-tmienja ta' filgħodu issaqsiha x'hemm bżonn iżda ma' tagħmilx faċendi għax dawn kienet tieħu ħsiebhom hi. Tgħid li missierha kien qalilha li Rita kienet tiġi biss waqt li kien ikun hemm xi ħadd mill-Awstralja u li kien iżid li kieku mhux għal daqshekk kien idum ġimgħa ma' jaraha lil Rita. Tgħid li meta kienet tiġi kienet tikkontrollaħ u huwa kien jagħmel in-nervi u jkeċċiha. Tgħid li kemm damet għand missierha hi, lil hutha Rita u Miriam qatt ma' rathom. Tgħid li missiera kien jgħidilha li lil Miriam għandu xorti jaraha darbtejn fis-sena u jekk iċemplilha ma' taqbadtx it-telephone. Tgħid li din tat-telephone ġrat anke waqt li kienet Għawdex hi fejn missierha qal quddiemha li qed iċempel lil Miriam u mhux tirrispondi. Tgħid li hija ma' temminx li missierha għamel dak it-testment għax lilha kien iħobbha ħafna bħal uliedu l-oħrajn. Tgħid li missierha kien urijha li kellu mitt'elf Euro (€ 100,000) u qalilha li jridha tkun taf bħal ma jafu ħutha l-oħrajn.

[55] A fol ---.

Tgħid li urijha wkoll fejn kellu l-flus moħbija fid-dar. Mistoqsija għalfejn saret il-kawża odjerna sabiex jieħdu ċ-ċwievet mingħand ħutha Rita u Miriam waqt li huma qiegħdin l-Awstralja, tirrispondi li l-fatt li qiegħdin l-Awstralja ma' jfissirx li Saviour mhux missierha.

**C. Ikkunsidrat:**

B'din il-kawża l-atturi qiegħdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex bl-applikazzjoni tal-Artikolu 494 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, taħtar amministratur ġudizzjarju sabiex jieħu l-pussess tad-dar li kienet tal-ġenituri tal-partijiet kontendenti, ossia, il-fond numru mija u tmienja u tletin (138), Triq Frangisk u Roza Camilleri, ġja Triq San Ġirgor, Kerċem, Għawdex, u l-mobbli li jinsabu ġewwa fiha u jamministra l-istess fl-aħjar interess tal-komproprjetarji kollha, ossia, il-partijiet kontendenti. Jitolbu wkoll lil Qorti tagħti lill-istess amministratur ġudizzjarju dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa u neċessarji dwar kif għandu jeżerċita l-pussess u jamministra l-imsemmija beni.

Il-konvenuti laqaw għal dan billi eċċepew, *inter alia*, illi l-ewwel u qabel kollox l-atturi jridu jagħtu prova li l-esponenti nqdew jew qiegħdin jinqdew bi' ħwejjeġ miżmuma in komun kontra l-interess tal-komunjoni u tal-atturi nfishom u dan tenut ukoll kont li l-konvenuti għandhom kull dritt li jgawdu u jinqdew bil-ħwejjeġ miżmuma in komun fil-qies tal-istess drittijiet tagħhom għalkemm huma dejjem inqdew bil-ħwejjeġ miżmuma in komun fl-interess tal-komunjoni u żammew l-istess fi stat ta' manutenzjoni tajjeb a spejjeż unikament tagħhom. Eċċepew ukoll li l-uniku skop tal-atturi f'dawn il-proċeduri huwa li jipprivaw lill-konvenuti mit-tgawdija ta' ħwejjiġhom fil-qies tal-jeddijiet tagħhom u għalhekk it-talbiet atturi m'humiex ġustifikati u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

Il-konvenuti eċċepew ukoll nuqqas proċedurali fir-rigward tal-mandatarju Saviour *sive* Sunny Cassar u dan bl-ewwel (1) eċċezzjoni tagħhom li taqra:

1. *Illi fl-ewwel lok Saviour sive Sunny Grech*[56] *irid jipprova l-mandat li huwa ghandu ta' Nikolina sive Lina Borg stante li fir-rikors guramentat,*

[56] *Sic* – fir-rikors guramentat il-mandatarju huwa ndikat bhala Saviour *sive* Sunny Cassar.

*minkejja dak li jinghad, ma giet annessa jew ipprezentata l-ebda prokura tal-assenti. Fin-nuqqas li tigi pprezentata tali prokura l-esponenti ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju minhabba n-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju.*

Il-Qorti tinnota li b'nota ppreżentata *seduta stante* waqt is-smiegħ ta' din l-istanza fis-seduta ta' nhar id-dsatax (19) ta' Jannar, 2016[57] l-atturi għamlu l-prova neċessarja permezz tal-preżentazzjoni ta' varji prokuri tar-rappreżentanza formali u legali tal-assenti, l-atturi Nikolina *sive* Lina Borg u Joseph Grech f'dawn il-proċeduri.

Għaldaqstant, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-konvenuti.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Din il-kawża hija msejsa fuq l-Artikolu 494 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta, li jaqra kif isegwi:

***494.*** *(1) Fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-komproprjetarji, il-qorti tagħti l-provvedimenti meħtieġa sabiex tiġi amministrata u gawduta aħjar il-ħaġa in komun, u tista' taħtar amminstratur, ukoll minn fosti l-komproprjetarji nfishom.*

*(2) Il-qorti tilqa' l-fehma tal-maġġoranza, billi tieħu b'qies il-għadd kollu tal-kompropjetarji, iżda dan kemm-il darba dawk li ma jkunux jaqblu ma jurux li b'hekk huma jbatu ħsara.*

Allaċjat ma' dan l-artikolu hemm l-Artikolu 491 tal-istess Kodiċi li jrid kif isegwi:

***491.*** *Kull kompropretarju jista' jinqeda bil-ħwejjeġ in komun, basta –*

*(a) li jinqeda bil-ħaġa skont id-destinazzjoni tagħha kif stabbilita bl-użu;*
*(b) li ma jinqediex bil-ħaġa kontra l-interess tal-komunjoni, jew b'mod li ma jħallix lill-komproprjetarji l-oħra jinqdew biha in komun skont il-jeddijiet tagħhom.*

[57] A fol 28 sa 34.

Fid-deċiżjoni mogħtija nhar is-sitta (6) ta' Ottubru, 2004 fl-ismijiet ***Pauline Stagno et vs Carmelo Bugeja et,***[58] inghad:

> *[…] kif kontemplat fl-artiklu 491 tal-Kodici Civili, kull komproprjetarju jista' jinqeda bil-haga komuni. Tajjeb pero` li anke f'dan jigi mfakkar illi dan hu hekk veru purke` dak il-komproprjetarju ma jinqediex bil-haga kontra l-interessi tal-komunjoni jew b'mod li ma jhalliex lill-komproprjetarji l-ohrajn jinqdew biha huma wkoll skont il-jeddijiet taghhom. Li jfisser ghalhekk li ma jistghax wiehed mill-komproprjetarji ta' dar jew ta' garage komuni jaqbad u jokkupa d-dar kontra l-kunsens tal-ko-proprjetarji l-ohra, u fl-istess hin jipprekludi lil dawn milli jaghmlu uzu huma wkoll mill-fond […]*

Apparti dan, fid-deċiżjoni mogħtija nhar is-sebgħa (7) ta' Frar, 2017 fl-ismijiet ***Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Annamaria Spiteri Debono pro et noe,***[59] intqal kif isegwi:

> *Illi f'dan ir-rigward jigi sottolineat li l-imsemmi artiklu[60] ma jissottoponi l-ebda eccezzjoni jew distinzjoni fir-rigward ta' xi eventwali divizjoni li tista' tkun pendenti bejn il-komproprjetarji […]*[61]

Fid-deċiżjoni mogħtija nhar it-tieni (2) ta' Marzu, 2010 fl-ismijiet ***Belin sive Benny Saliba et vs George Tabone et,***[62] intqal:

> *[…] irrid jinghad illi, semmai r-rimedju hu li jintalab jinghata provvediment sabiex tigi amministrata u gawduta ahjar il-haga in komun u tista' tahtar amministratur minn fost il-kompropretarji nfishom (Artikolu 494 tal-Kodici Civili). Illi dan jkun ghalhekk provediment temproraneju sakemm tigi deciza il-kawza ta' divizjoni […]*

---

[58] App. (Inferjuri) Nru. 1003/200/1 PS.

[59] P.A. Rik. Gur. Nru. 798/2008 SM.

[60] Hawnhekk id-decizjoni kienet qed titkellem fuq l-Artikolu 494, Kap. 16.

[61] Il-Qorti tissottlinja li talba that l-Artikolu 494, Kap. 16 m'ghandix bilfors issir konguntivament ma' talba ghad-divizjoni. Ara wkoll id-decizjoni moghtija nhar il-hdax (11) ta' Mejju, 2004 fl-ismijiet ***Joseph Paul Portelli et vs Paul Portelli et***.

[62] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gur. Sup. Citazz. Nru. 8/2009 AE.

Mill-assjem ta' dan, din il-Qorti tislet illi sabiex tirnexxi kawża taħt l-Artikolu 494 tal-Kodiċi Ċivili, jridu jirriżultaw is-segwenti kriterji:

1. Nuqqas ta' ftehim bejn il-komproprietarji;
2. Użu minn komproprietarju tal-proprjeta miżmuma in komun li jmur kontra d-destinazzjoni tal-istess proprjeta;
3. Użu tal-proprjeta miżmuma in komun minn komproprietarju li jmur kontra l-interessi tal-komunjoni jew b'mod li ma' jħalliex lil komproprietarju ieħor milli wkoll jinqeda bil-proprjeta miżmuma in komunjoni.

Tislet ukoll li għalkemm azzjoni taħt l-Artikolu 494 tal-Kap. 16, Liġijiet ta' Malta tista ssir *ad hoc* u m'għandix għalfejn tkun marbuta ma' azzjoni għal-diviżjoni, il-ħatra ta' amministratur ġudizzjarju tippermetti l-kontinwazzjoni tal-komunjoni li kull parti tista f'kull waqt titlob li ttemm u għalhekk għandha titqies bħala waħda temporanja.

**Rigward iċ-ċwievet tal-fond mija u tmienja u tletin (138), Triq Frangisk u Roza Camilleri, ġja Triq San Girgor, Kerċem, Għawdex:**

Mill-provi miġbura waqt l-andament ta' din l-istanza, jirriżulta li f'ħajjet il-ġenituri tal-partijiet kontendenti ma' kienx hemm kwistjonijiet rigward minn iżomm ċwievet tal-fond mertu ta' din il-vertenza.

Jirriżulta wkoll li l-aħwa li jinsabu l-Awstralja, ossia l-atturi Joseph Grech u Lina Borg, li ilhom diġa 'il fuq minn erbgħin (40) sena jgħixu l-Awstralja, dejjem qadu f'dan il-fond meta kienu jkunu Għawdex għal btajjel tagħhom mill-Awstralja. L-istess ġara fl-2013, meta kien Għawdex l-attur Joseph Grech fejn dan kien jirresjedi fl-imsemmi fond minn qabel sa wara l-mewt ta' missier il-kontendenti tant li telaq mill-istess wara li attenda l-funeral tal-missier.

Ma' jirriżultax mil-provi li fil-ġranet li kienu jkunu Għawdex l-atturi, inkluż meta kien hawn l-attur Joseph Grech qabel u wara l-mewt ta' missier il-kontendenti, dawn ma' kienx ikollhom ċwievet. Il-Qorti tislet dan partikolarment mis-sentiment ovvju li ħareġ waqt l-andament ta' dawn il-proċeduri li, partikolarment lejn l-aħħar ta' ħajjet missierhom, bejn l-atturi u ħuthom il-konvenuti ma' jidhirx li kien hemm relazzjoni tajba u allura l-Qorti tqis diffiċli li l-attur li kien Għawdex f'dak iż-żmien

kien ser jiddependi fuq ħutu l-konvenuti li jgħixu Għawdex sabiex jidħol u joħroġ fil-fond fejn kien qiegħed joqgħod tul iż-żmien li għamel Għawdex.

Il-Qorti tinnota wkoll li filwaqt li fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-atturi jiċċitaw estratti konsiderevoli mit-testimonjanzi tal-konvenuti, huma jonqsu milli jiċċitaw parti sostanzjali mix-xhieda mogħtija mill-konvenuta Rita Calleja fejn din qalet li qabel inbdew dawn il-proċeduri ħadd minn ħutha ma' talabha ċwievet u partikolarment, l-attur Joseph Grech li kien Għawdex fl-aħħar żmien ta' ħajja ta' missierhom ma talabilhiex. Tgħid ukoll li hija ma tafx l-attur Joseph Grech x'għamel biċ-ċavetta li kellu waqt li missierha kien l-isptar u anke wara mewt missierha meta l-istess attur Joseph Grech baqa' Għawdex u baqa' jirresjedi fil-fond mertu ta' din il-vertenza sa wara l-funeral meta mbagħad mar lura l-Awstralja.

Il-Qorti hija konvinta li l-attur Joseph Grech kellu ċavetta fil-pussess tiegħu wara li miet missieru ġia la darba kien għadu jgħix fil-fond anke wara l-funeral. X'sar minn din iċ-ċavetta li kellu huwa biss jaf pero żgur ma jistax jargumenta li ma kellux ċavetta tal-fond.

Di piu għalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-atturi jisqħu li huma ma' ingħatawx kopja taċ-ċwievet kollha tal-fond, il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi ladarba l-atturi, fuq ammissjoni tagħhom stess, setgħu jaċċedu l-fond in kwistjoni tant li saħansitra ħadu ritratti ta' kull kamra, allura tasal biex tikkonkludi illi din l-allegazzjoni ulterjuri hija inverosimili.

Jibqa imbagħad il-fatt jekk il-konvenuti għamlux użu mid-dar in kwistjoni liema użu sar b'nuqqas ta' ftehim bejn il-kompropretarji u kontra d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 491 tal-Kodiċi Ċivili, ossia, b'mod li jmur kontra l-użu stabbilit tal-ħaġa jew li jmur kontra l-interess tal-komunjoni jew b'mod li jċaħħad lill-kompropretarji l-oħra milli wkoll jinqdew minnha skont il-jeddijiet tagħhom.

**Rigward l-użu tal-fond a pregudizzju tal-kompropretarji atturi:**

Mill-assjem tal-provi l-Qorti ma' ssibx illi d-dar fejn kienu jgħixu l-ġenituri tal-partijiet kontendenti u fejn baqa jgħix missierhom sa' mewtu

fl-2013 kienet qiegħda b'xi mod tiġi utilizzata minn xi kompropretarju lill-hinn mill-jeddijiet tiegħu, kuntrarjament għall-użu stabbilit tagħha jew ad esklużjoni ta' xi ieħor, aħseb u ara bi preġudizzju ta' xi komproprjetarju iehor b'użu li jmur kontra l-interess tal-komunjoni jew b'mod li jċaħħad lill-kompropretarji l-oħra milli wkoll jinqdew minnha skont il-jeddijiet tagħhom.

Ma' jirriżultax, per eżempju, li l-konvenuti bidlu n-natura tal-fond jew krew il-fond lil terzi u żammew id-dħul mil-kirja għalihom. Ma' jirriżulta infatti ebda tip ta' użu minn ebda kompropretarju.

Dak li jirriżulta konsistentement mix-xhieda kollha huwa li l-aħwa kontendenti kienu jaċċedu l-fond in kwistjoni regolarment f'ħajjet il-ġenituri tagħhom u anke wara mewt ommhom fejn l-atturi kienu jaċċedu kull meta jkunu Għawdex fuq btala mill-Awstralja, tant li kienu jgħixu fl-fond tul dan iz-zmien, mentri l-konvenuti kienu jaċċedu l-istess fil-presenza ta' missierhom sabiex iduru bih u jieħdu ħsieb il-fond.

Jirriżulta wkoll li l-attur Joseph Grech kien jirresjedi fil-fond ukoll tul l-aħħar żmien ta' ħajja ta' missier il-kontendenti, inkluż waqt li dan tal-aħħar kien l-isptar fejn baqa' sa mewtu, u dan addirittura ad esklużjoni tal-kumplament tal-aħwa.

Minn wara l-mewt ta' missier il-kontendenti m'hemmx indikazzjoni u wisq anqas prova li xi kompropretarju għamel xi użu partikolari minn dan il-fond. Tenut kont ukoll tal-fatt li kompropretarju m'huwiex prekluż milli jagħmel użu mill-ħaġa miżmuma in komun skont il-jeddijiet tiegħu dment li l-istess użu la jmur kontra d-destinazzjoni tal-ħaġa, la jmur kontra l-interessi tal-komunjoni, u anqas ma' jipprekludi lil kompropretarju ieħor milli wkoll jinqeda bil-ħaġa miżmuma in komunjoni [Artikolu 491, Kap. 16].

L-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom jinsistu li l-konvenuti għamlu manutenzjoni f'dan il-fond u jargumentaw li dan jista jiġi kkunsidrat bħala "tibdil" fil-ħaġa miżmuma in komuni bi ksur tal-Artikolu 493 tal-Kap. 16. Il-Qorti iżda ma tikkondividix dan l-argument billi manutenzjoni fid-dar ma tikkwalifikax bħala tibdil, anzi semmai din hija mod ta' kif wieħed jissalvagwardja l-oġġett fil-forma tiegħu u tippreservaħ u żżommu milli jiddeterjora

Għaldaqstant, il-Qorti ma' tistax taqbel mat-teżi tal-atturi li sar xi użu mill-fond in kwistjoni u ċertament ma' tistax taqbel li sar xi użu li jmur kontra d-destinazzjoni tal-ħaġa jew li jmur kontra l-interessi tal-komunjoni jew b'xi mod li ma' jħalliex lill-kompropretarju ieħor milli wkoll jinqeda bil-ħaġa miżmuma in komunjoni.

**Rigward il-mobbli fil-fond in kwistjoni:**

Rigward il-mobbli li jinsabu fil-fond, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-atturi jgħidu li qabel ġiet intavolata l-kawża odjerna huma kienu sprovvisti miċ-ċwievet tal-fond u għalhekk il-konvenuti setgħu faċilment daħlu u ħadu oġġetti mobbli u għamlu bihom li riedu a skapitu tal-drittijiet tal-atturi. Jgħidu wkoll li wara li nagħtaw iċ-ċwievet (fil-mori tal-kawża) huma daħlu fil-fond u ħadu ritratti varji ta' kull kamra fil-fond.

Il-Qorti tibda sabiex tinnota li din l-allegazzjoni qatt ma' tqajjment waqt l-andament tal-proċeduri quddiemha u r-ritratti li l-atturi jgħidu li ttieħdu lanqas ma' nġiebu quddiem din il-Qorti. Xejn ma kien hemm li jżomm lill-atturi sabiex jressqu tali allegazzjoni u jissostanzjawha bil-provi, pero naqsu li jagħmlu dan u għalhekk il-Qorti ma hix ser tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

Apparti dan, u kif diġa ntqal, l-attur Joseph Grech kien Għawdex fl-aħħar ġranet ta' ħajja ta' missier il-kontendenti, kien waħdu fid-dar stante li l-missier kien rikoverat l-isptar u l-aħwa konvenuti jgħixu f'djar tagħhom, u għalhekk, huwa stess kellu mhux biss aċċess għad-dar iżda wkoll pussess u kontroll tal-istess u tal-mobbli fiha kontenuti.

Il-Qorti tqies għalhekk din l-allegazzjoni ulterjuri bħala wkoll inverosimili.

**Rigward il-ħatra ta' amministratur ġudizzjajru:**

Is-subartikolu wieħed (1) tal-Artikolu 494 tal-Kap. 16, Liġijiet ta' Malta, jipprovdi sabiex fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-kompropretarji, Qorti ***tagħti*** provvediment sabiex tiġi amministrata u gawduta aħjar ħaġa miżmuma

in komun.[63] L-istess artikolu jkompli jgħid li f'dan il-każ Qorti ***tista*** wkoll taħtar amministratur, inkluż minn fost il-kompropretarji nfishom.[64]

Is-subartikolu tnejn (2) tal-istess Artikolu 494 tal-Kap. 16, Liġijiet ta' Malta, imbagħad ikompli sabiex iżid:

> *Il-qorti tilqa' l-fehma tal-maġġoranza, billi tieħu b'qies il-għadd kollu tal-kompropjetarji, iżda dan kemm-il darba dawk li ma jkunux jaqblu ma jurux li b'hekk huma jbatu ħsara.*

Il-Qorti tibda sabiex tindika li hawnhekk il-proviżjoni legali torbot lill-Qorti sabiex tagħti provvedimenti meħtieġa sabiex tiġi amministrata u gawduta aħjar il-ħaġa in komuni iżda tagħti diskrezzjoni lill-Qorti fuq jekk għandiex taħtar amministratur jew le. Apparti dan, il-Qorti tagħti provvediment taħt dan l-artikolu biss jekk tkun konvinta li jekk tagħmel hekk, l-oġġett miżmum in komun jiġi amministrat u gawdut aħjar.

Din il-Qorti diġa enunċjat ruħha rigward l-użu o meno tal-fond mertu ta' din il-vertenza u jirriżulta mil-provi prodotti li użu m'hemmx u wisq anqas użu tali li b'amministratur fl-istampa tkun tista tiġi amministrata u gawduta aħjar il-ħaġa in komuni.

Għaldaqstant, il-Qorti ma' tqiesx illi jirriżultaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 494 tal-Kap. 16, Liġijiet ta' Malta, li jimmerita li din il-Qorti tappunta amministratur gudizzjarju. Il-Qorti tqies iżda li l-konvenuti għandhom il-maġġoranza tal-ishma fil-fond mertu ta' dawn il-proċeduri u jirriżulta li huma qiegħdin jieħdu ħsieb l-istess.

Tenut kont ta' dan kollu u tal-fatt li mill-atti jirriżulta li l-partijiet kollha fil-kawża huma fil-pussess taċ-ċwievet tal-fond, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddeċiedi din il-vertenza kif isegwi.

**Deċide:**

[63] It-test Ingliz jaqra: *Where the co-owners fail to agree, the court* ***shall*** *give the necessary directions as to the management and better enjoyment of the common property.*

[64] It-test Ingliz jaqra: *[…]* ***may*** *appoint an administrator, even from among the co-owners themselves.*

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi u l-motivi ġia espressi , din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti tiċħad it-talbiet kollha ta' l-atturi.

Spejjeż a karigu tal-atturi.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur